70

Ola Kuinilsē Oluolā

Producer

264

" M A   K I E N I T X   M E W T A "

Addattament Radjofoniku

Ta'

CHARLES ATTARD.

III

" M A  K I E N I T X  M E W T A "

Addattament Radjofoniku

Ta'

Charles Attard.

Mill-Kummidja:

(LO SBAGLIO DI ESSERE VIVO)

Ta'

Aldo De Benedetti.

Irmond 28/9/1958

JIEHDU SEHEM:

| | | |
|---|---|---|
| MARIA LARI | ... | Mary Camilleri |
| ADRIANO LARI | ... | Victor Tedesco |
| CESARE GUGLIELMI | ... | Tony Scalpello |
| ID-DEFFIEN | ... | Victor Soler |
| PAOLA | ... | Antoinette Soler |
| ROSINA | ... | Louise Lenicker |
| ~~KATERINA~~ Sara ~~LUISA~~ | ... | Mr. Blackman |
| SINJURA XIEHA | ... | Mr. Blackman |
| SINJUR TA' POZIZJONI GHOLJA | | Clo Gruppetta |
| LINA | ... | Louise Lenicker |
| SILVIO | ... | Clo Gruppetta |
| TERESA | ... | Mr Blackman |
| MARIO | ... | Clo Gruppetta |
| SERGIO | ... | Nestor Cachia |
| Enzo | | Clo Gruppetta |
| Maria | | Antoinette Soler |

++++++++++++++++++++++

N.B. Dil-Kummidja giet maqluba ghal Malti u Addattata ghax-Xandir bil-permess ta' l-Awtur.

Il-Final tal-Kummidja gie mibdul u addattat ghas-Semmigha lokali.

++++++++++++++++++++++

M A L T A

1 9 5 8.

" M A  K I E N I T X  M E W T A "

MUZIKA: . . . . . . . . . . . . . . . F/O:

F/I: Hemda miksura minn kant ta' ghasafar. (Pawsa)

Deffien: Ahfruli, sinjuri... qabel tibda din il-grajja, nixtieq nghidilkhom xi haga... Qieghed inkellimkhom minn post imdawwar bis-sigar... kull fejn iddawwar wiccek, fjuri.... hdura ma' kullimkien... dehera li tghaxxaq... dehera li tixxiebah ma' xi gnien sabieh u hlejju, b'dan kollu, dan il-post, in-nies, issibu b'isem iehor... Dan hu li riedt nghidilkhom... Dan il-lok, m'hux gnien, imma Cimiteru... M'hawn xejn biex wiehed jimpressjona ruhu u nghidilkhom li m'hux tassew li c-Cimiteri huma postijiet ta' dwejjaq; dawn huma ghajdud foloz. Ic-cimiteri huma gonna kbar... gonna sbieh u jkkultivati... l-izjed postijiet hiemda li wiehed jista' jsib f'kull Belt... Isimghu ftit... X'paci! X'hemda! Jinstama' biss il-kant ta' l-ghasafar... l-huttaf, l-usinjoli... il-pittirossi... f'dan il-post, jinsab eluf minn dawn.. Hawnhekk, huma jsibu l-kenn u l-mistrieh. Fl-ibliet u fil-Bniedmin, jaraw ghadu... L-ghasafar jafu li hawn hadd ma jaghmlilhom deni... Filoghodu, iqajmuni bil-kant taghhom... Bilhaqq, insejt nghidilkhom... Jien huwa d-deffien tac-cimiteru... Nghix fi dwejra qrib il-bieb tad-dhul. Zewgt-ikmamar, kcina zghira u daqxejn ta' gnien. Forsi tghiduli, m'hux gost li wiehed jghix f'cimiteru... Dan il-hsieb huwa falz ukoll. Ghall-ewwel li gejt hawn, kont impressjonajt ruhi xi ftit, imma mbaghad, bil-mod, il-mod, drajt u drajt sewwa. Issa, ili hawn hmistax il-sena u nghidilkhom li ma nsibx ahjar minn hawn. Filghaxija wara li nghalaq il-kancell, noqoghod bilqegheda fil-bieb, inpejjep pipa tabakk, imsieheb biss mid-dawl dghajjef tal-fanali li jinsabu imxerda l-hawn u l-hinn. Ma ghandniex x'inghidu, m'hix haga sabieha li wiehed jghix dejjem wahdu; l-aktar fix-xitwa, mita l-jum huwa qasir hafna u ljieli ma jintemmu qatt. F'dan ic-cimiteru, kont inkun izjed hieni kieku kont mizzewweg... Ipprivajt kemm il-darba, qatt ma rnexxieli insib wahda li riedet tghix hawn.... In-nisa, tafu inthom, kif inhuma... Wara kollox, nahseb li swieli gid li bqajt wahdi ghaliex huwa wisq ahjar li wiehed jghix mal-mejtin milli mal-hajjin. Il-mejtin huma nies twajba, ukoll jekk f'hajjithom kienu nies hziena. Il-fjuri jaslu hawn ta sikwiet, imma dawn anqas ihabtuk wisq ghaliex jibqghu kif wiehed iqeghedhom bla ma jiccaqalqu. Il-mejtin li jinsabu f'dan ic-cimiteru, issa, sirt nafhom kwazi kollha. Naf isimhom u naf ukoll il-grajja taghhom. Billi ili hafna naghmila maghhom, inhossni sirt migbud lejhom. Kieku ghadhom jistghu jifmhu u jisimghu, kieku x'aktarx li huma ukoll ingibdu lejja. Jien nistmghom kollha xorta wahda... ghalija, kollha l-istess, ghaliex tafu inthom, hawn ukoll jinsabu l-fqar u s-sinjuri. M' inhix nidhaddet mill-flus... hawn il-flus ma jghoddu xejn. Fic-cimiteri l-ghana u l-faqar jitqiesu xort'ohra. L-ghonja huma dawk li ghandhom lil xi hadd jigi jarhom kulljum... dawk li ghandhom il-qabar mimli fjuri... il-faqar, bil-maqlub, dawk li m'ghandhom min jiftakar fihom... dawk li ma jkollhomx zjarat... li ma jkollhomx fjuri... Biex tifmuni, hdejja, hawn qabar sabieh hafna... Il-monument li ghandu fuqu huwa maestus... kolonni tal-bronz... l-Angli gharkuptejhom jitolbu...qabar li sewa patrimonju shih

: b'dan kollu, dak li jinsab go fieh, huwa miskin hafna. anqas kelb ma jersaq fuq il-qabar tighu... qatt fjuri... anqas dak inhar tal-festa tal-mejtin, imbaghad fuq din in-naha, hawn qabar iehor li m'ghandux fuqu ghajr gebla u salib ckejken... xejn izjed, b'dan kollu, ma tghaddix gurnata li ma tigix izzuru, mara vistuza, bil-fjuri f'idejha Xejn ma jgaghalha tonqos minn din iz-zjara, la x-xita, la x-xemx u anqas ir-rieh. Tifhmu issa xi tfisser ghalija l-ghana f'dan ic-cimiteru? U allura,tafu x'ikolli naghmel jien? X'imdaqqiet naqbad xi ftit fjuri minn fuq dawk l-oqbra li jkollhom hafna u jmmur nqeghedhom fuq dawk li ma jkollhom xejn. Naf li m'hux sewwa, imma ftit tal-gustizzja trid issir f'dan il-post ukoll.... Hekku, ser jibdew iz-zjajjar....

(Pawsa)

Xieha : L-ghodwa t-tajba, Sur Tumas.

Deffien: L-ghaodwa t-tajba, sinjura Lucia. Ghodwa sabieha, hux tassew?

Xieha : Ma tistax tkun isbah.

Deffien: Gibt xi ftit zerrigha mighek, sinjura?

Xieha : Iva, imma nibza li din id-darba, l-ghasafar jikluhilna ukoll.

Deffien: Jehtieg li nghattuha b'xi ftit trab... Ftit iehor u nigi ntik daqqa t'id.

Xieha : Grazzi, Sur Tumas.

Hoss: (Passi jidbeghedu)

Deffien : L-imsejkna ilha armla ghoxrin sena... Daqshekk ilha tigi hawn... Ma tfallix jum wiehed biss. Nghidilkhom li saret drawwa taghha li tigi hawn... tqatta ftit sighat kulljum, bilqegheda fuq il-qabar ta' zewgha, titlob, taqra xi gurnal u x'imdaqq iet ukoll, tahdem xi kalzetta. Ghall-ewwel, madwar il-qabar, bdiet tizra xi fjuri, issa, qed tizra xi ftit insalata... Miskina! Xi hsra qed taghmel b'daqshekk Tghaqqad flimkien il-qima tal-mejjet mal-htiega tal-hajja. .... L-ghodwa t-tajba, Sinjur!....

Sinjur : L-ghodwa t-tajba, Tumas... Waslu l-kuruni?

Deffien: Iva, sinjur. Ga ghedtilhom iqegheduhom flokhom... Ghandek bzonn xi haga ohra?

Sinjur : Xejn grazzi, Tumas.

Hoss: (Passi jidbeghedu)

Deffien: Das-sinjur li ghadu kemm kellimni, huwa neguzjant kbir. Ghandu l-qabar tal-familja, l-gmiel tighu. Ga difen gò fieh lil mara u lil genituri. Qabel jigi jzurhom, dejjem jibaght xi ftit fjuri... Ma tistax torbot fuqu... ghandu hila f'xahar, jigi hames darbiet, imbaghad jghaddu x-xhur u ma tarahx darba biss... M'irridx nahseb hazin, imma

: qalbi tghidli li kull mita jaghmel xi bicca xoghol tajba, jwarrab percentwal ckejken mill-qliegh biex jkun jista' jixtri l-fjuri ghal mejtin tighu... din ma fieha xejn, hux tassew? Jien nghid li das-sinjur jifhem li kull meta jixtri l-fjuri ghal mejtin, dawn igibulu r-risq.

Marisa)<br>Enzo ): L-ghodwa t-tajba!

Deffien: L-ghodwa t-tajba, sinjuri.

Hoss: (Passi jidbeghedu)

Deffien: Dawn kienu zewg zaghzagh... Tahsbux li dawn gew hawn biex jinnamraw... Le, le... dan ikun nuqqas ta' qima lejn dan il-post. Iz-zaghzugh, f'dan ic-cimiteru, ghandu l-qabar taz-ziju u x-xbejba, dak ta' nannitha... Iz-zewg oqbra nzertaw hdejn xulxin u allura tistghu tahsbu kif dawn it-tnejn tlaqqghu flimkien... Ghall-ewwel kienu jigu darba fix-xahar, imbaghad kull gimgha, issa, kull-jum... Minjaf, forsi anke mill-mewt tista' titnissel il-hajja.....Riesaq ragel hdejja... donnu qed ifittex lil xi hadd...

Adriano: Skuzi, hawn tahbat is-sezzjoni Nru. 22?

Deffien: Iva, sinjur, sewwa, sew, hawnhekk.

Adriano: Qasam 46?

Deffien: Iva. Tibda minn hawn u tasal sa dik il-moghodija.

Adriano: Grazzi.

Hoss: (Passi jidbeghedu)

Deffien: Lil dal bniedem, qatt ma naf li rajtu... Riega gej...

Adriano: Sinjur, jekk joghogbok xtaqt inkelmek.

Deffien: Serv tighek, sinjur.

Adriano: Ejja nersqu hdejn dan il-qabar....

Deffien: Tajjeb. Hoss (Passi)

Adriano: Dan il-qabar tighi... Nista' navda fik?

Deffien: Tista' isserrah rashek.... Imma, ghaliex qed tistaqsini? Ghadni ma nistax nifhem.

Adriano: Tweghedni li ma tghidx kelma minn dak li ser nghidlek?

(Pawsa)

Tweghedni?

Deffien: Inweghedek, imma....

Adriano: Ersaq l-hawn..... Qieghed tarah dan il-qabar?

Deffien: Iva!....

Adriano: Jien ninsab midfun hawn taht.

Deffien: Kif???

Adriano: Kif ghedtlek. Il-mejjet li hawn f'dan il-qabar, huwa jien, jien stess.

Deffien: Isma, habib, hawn m'ahniex il-manikomju... qeghedin f'cimiteru

ADRIANO/ Habib, tahsibx li jien mignun... Dak li ghedtlek huwa minnu.

Deffien: Ismaghni, habib, jekk trid ticcajta, ghamilli pjacir mur iccajta band'ohra, jekk le, iggaghalni nghajjat lil pulizija.

Adriano: Le, le, issejjah lil hadd... Ghamilli favur... ersaq ftit iehor l-hawn... Nahliflek... qed inkelmek bl-akbar serietà... Aqra, aqra x'hemm miktub fuq din l-irhama...

(Jaqra b'lehen irpusat) "HAWN JINSAB MIDFUN ADRIANO LARI"

(Waqt li jinstemghu hsejjes ta karti) Issa hares l-hawn... Ara, dan huwa certifikat... L-Identifikazjoni tighi... Sewwa qed nghidlek? Adriano Lari.

Deffien : (Bezgham) Imma....

Adriano : Qabbel... qabbel dak li hemm fuq dik l-irhama ma dak li hawn fuq dan ic-certifikat....Hekku... Imwieled f'San Giovanni, Persiceto, fit-18 ta' Novembru, 1899. Miet fl-4 ta' Awwissu ~~f'San Giovanni, f'Persiceto, fit-18 ta' Novembru,~~ xxxxxxxxxxx 1938. Issa a qra c-certifikat ta' l-Identità..."Imwieled f'San Giovanni, f'Persiceto, fit-18 ta' Novembru, 1899... id-data tal-mewt hawn ma tezistix ghaliex meta tawni dan ic-certifikat kont ghadni ma mietx....... Aqra... kompli aqra... l-Identità tghid li jiena mizzewweg... Issa hares lejn l-epigrafija... ara xi tghid... "Il- mara nkonsolabbli tqieghed fuq dan il-qabar ... " U r-ritratti? Xi tghidli ghalihom? Arhom sewwa. Dak li hemm fuq il-porcellana u dan li ghandi fuq dan ic-certifikat huma fotografija wahda... Hares lejhom... Jixbhu ghal kollox lil xulxin... Dan ir-ritratt kont hadtu hmistax il-gurnata qabel miett... F'dan ir-ritratt kien ghad kelli l-baffi... Nahseb li taf ghaliex ~~dx~~ nehhewhomli dawn, hux veru? Temminni, issa? Imma xi gralek??? Jaqaw qed ihossok hazin???

Deffien: (Imbazza) Le, le... M'ghandi xejn... xejn... Ghalkemm imdorri nittratta mal-mejtin, qatt ma bsart li ser jkolli nitkellem maghhom ukoll.

Adriano: Stajt nobsor lid-dehera tighi ser timpressjonak... Kieku kont minflokok, kien jigrili l-istess... Oqoghod bilqegheda .. hawn m'hawn kumplimenti... fuq il-qabar tighi, ninsabu f'dari. ..... Hekk ahjar.... Tpejjep?

Deffien Le, grazzi.

Adriano: U issa li ~~rrejtek~~ ~~xxxxxxxx~~ li jien tassew dak il-mejjet li jinsab midfun hawn tahtna, jehtieg li nghidlek kif ghamilt biex hrigt minn dan il-qabar. Il-grajja hija ftit imhawda... Kieku din ma kienits tragika kienet tkun grajja tad-dahq.

: Ismaghni... Jiena miett tmien xhur ilu... Sewwa, sew, fl-4 ta' Awwissu, bhal ma hawn miktub fuq din l-irhama. Niftakar kien is-Sibt... Kont sejjer lejn id-dar, mill-Ufficcju... insejt nghidlek, kont impiegat mas-Società Siderurgika. Dak inhar, kienet xemx taqli.... f'kantuniera, ilmaht wiehed qed ibiegh id-dulliegh. Ix-xitan ittantani... Kielt dulliegha shiha... Wasalt id-dar u kif kont tiela t-tarag, hassejtni qed niddardar u kif wasalt fuq rasi bdiet iddur bija... Il-mara, kif ratni, baqghet thares lejja mbazza Staqsieni xi grali u kif kont ser inwigibha, sibt ruhi stendut ma' l-art. Il-mara ghajtet lil girien u dawn baghtu ghat-tabib minnufieh. Wara li nvistani, qal li ma kien hemm xejn gravi; gaghlhom iqegheduni fis-sodda u ordnali ftit banjoli fuq mohhi... Qallhom li l-ghada ghandi nisbah tajjeb. L-ghada sbaht mejjet...... Xi gralek? Jaqaw qed indejqek?

Deffien: (Kwazi itemtem) Le, le....

Adriano: Ghadni niftakar l-ahhar waqtiet ta' hajti. Kien ghad ma sebahx. Marti kienet rieqda hdejja... F'daqqa wahda hassejt kesha tiela ma' riglejja u bil-mod, il-mod, bdiet iddur ma gismi kollu. Ittantajt nidharrek, ma rnexxilix... riedt nerfa' rasi, ghalxejn.... ma stajtx nidharrek... Anqas ghajnejja ma stajt ncaqlaq... dawn kienu cassi jharsu lejn is-saqaf... Gismi ngazza ghal kollox.... Marti stembhet... Smajtha tistaqsini: "Adriano, kif thossok?" Riedt inwiegiba ... ma stajtx, b'dan kollu, kont qed nisma u ~~xxxx~~ nifhem kollox... Bdiet tghajjatli: "Adriano! Adriano! " Imbaghad hassejtha tqieghed ida fuq mohhi u fl-istess hin smajtha tghajjat ghajta tal-biza. Intebhet li jiena kont mejjet. Miskina .. bdejt nismaghha tibki u tolfoq.. hassejtha tghannaqni maghha u jssejjahli mill-gdid: "Adriano! Sbejjah Adriano tighi!" He... issa li kont mejjet bdejt nidher sabieh ukoll. Gew il-girien u rnexxielhom johorguha mill-kamra tighi. Bqajt nismaghha tibki u tolfoq.. bdejt nisma il-girien iduru mighi, jitkellmu bil-mod bejniethom. F'daqqa wahda ilmaht id niezla fuq ghajnejja u minn dak il-hin sibt ruhi fi dlam cappa... kienu ghalquli ghajnejja u allura, hawn bdejt nibza. Forsi din kienet il-mewt? Waqt li jien ghadni nista' nisma', nifhem u nhoss, sejjer nigi maghluq f'qabar ghal dejjem, bla ma nista' nidharrek... bla ma nista' nghajjat... Smajt l-arlogg idoqq... smajt il-girien jitolbu ghalija .. hassejthom ilibbsuni blaahjar lbies li kelli... Wiehed minnhom, smajtu jghidilhom biex iqegheduli salib fuq sidri, imbaghad gie t-tabib, kiteb ic-certifikat tal-mewt tighi u l-permess ghad-difna. Wara ftit hassejthom iqegheduni fit-tebut u qegheduli erba xemghat madwari... mita lestew, kullhadd telaq lejn daru. Wara nofs-in-nhar, bdew iz-zjajjar. Marti ma kellha aptit tkellem lil hadd. B'ghajnejha maghluqa nxtehtet fuq divan biex tistrieh imma x'tistrieh, tistrieh... kull wiehed li jasal, beda ikellimha fuqi, jistaqsi x'kienet l-kawza u kull darba li marti kienet twiegeb, kienet tinfexx tibki. Zjajjar biex ituk l-ghomor huma tassew haga kiefra... Donnhom lin-nies jiehdu gost iqanqlu mill-gdid in-niket f'qalb dak l-iljun... Dak li jkun sofra l-mewt ta' xi hadd mill-familja, jkun qed jaghmel minn kollox biex jinsa u jistabar imma hekku... zjara ta' habib u terga' tfakkru mill-gdid bis-soltu kliem ta' kondoljanzi...

<u>Fade Out:</u>

Fade In:

Sergio: X'isfortuna!

Mario : Disgrazzja terribbli!

Tereza: Telfa r-reparabbli!

Mario : Haga li ma titwemminx... Kien jidher tant fsahtu!

Sergio: Sal bierah filoghodu ma kellu xejn. Iltqajt mighu kif hareg mill-officcju... Sellimli u dahaqli... kien jidher ferhan u dahqan bhas-soltu.

Mario : Imma xtahsbu li tah hekk f'daqqa wahda?

Tereza: Jiena nghid li dik id-dulliegha kienet il-kagun.

Sergio: Id-dulliegha?

Mario : Tahseb?

Tereza: Iva. It-tabib qal li d-dullieh li kiel ikkagunalu indigestjoni.

Sergio: Miskin! Kien tant twajjeb... kien tant qalbu tajba.

Mario:: Kien tassew ruh tajba.

Sergio: Emmnuni, ma nistax ninsieh... konna hbieb tal-qqlb.

Mario : Eh!... Destin!... Destin ikreh!....

Tereza: Sinjura, Maria!...

Maria : (Imbikkija) X'inqala, Tereza?

Tereza: Waslu is-Sinjura Lina u s-Sur Silvio!

Maria : Jghaddu, jghaddu.

Lina : Ghaziza tighi!

Maria : X'jidhirlek, eh?

Lina : X'disgrazzja!... X'ahbar kiefra kienet ghalina... Kif qaluli hassejtni sejra niggennen... Zewgi wkoll, beda jibki bhal tarbija, emminni, Maria, it-tnejn bkejna... it-tnejn tlifna l-paci.

Silvio: Tassew, tassew... Din l-ahbar ma stennejniha qatt...

Sergio: Mario, minn hu dak is-sinjur li ghadu kemm wasal?

Mario : Is-Sur Guglielmi, id-direttur tal-fabbrika fejn kien impiegat Adriano.

Tereza: Sinjura, is-Sur Guglielmi!

Guglielmi: L-ghomor, l-ghomor, Sinjura.

Maria : Grazzi, Guglielmi, grazzi...

Guglielmi: Maria, naf li bhal issa, kull kelma ta' sabar ghalik hija l haga fierha .. Niøxtieq nghidlek biss li jrrid niehu sehem mighek fin-niket li tinsab fieh... Dan qed naghmlu bhala sinjal tal-hbiberija taghna.

Maria : (Dejjem b'lehen miksur) Imsejken Adriano... X'sejra naghmel minghajru?

Guglielmi: Kuragg, Maria... Din id-disgrazzja hija l-prova liddestin ried jaghmillhek... Jehtieg l-int ma titlifx l-ghalmu tighek... hemm bzonn l-int tissielet mal-hajja.

Maria : Meta niftakar li zewgi m'ghadux izjed mighi, li m'inhix sejra narah izjed, nahseb li qegheda niggennen... Ahjar li miett jien minnfloku.

Guglielmi: Titkellimx hekk, Maria... Bhall-issa, int, ma tafx x'inti tghid... Nixtieq li nista' jnnissel fik ftit talkuragg... tama fil-gejjieni... Bhall-issa jien ukoll ninsab imnikket u ghalhekk m'inhix insib kliem bizzejjed biex insabbrek.

Maria : Nirringrazzjak, Guglielmi, nirringrazzjak.

Guglielmi: Nixtieq nghidlek ukoll li minn issa l-quddiem, int tista' tghodd fil-hbiberija tighi... f'dik il-hbiberija sinciera li ila tezizti bejnietna sa minn ckunitna... Maria, f'kull hin, f'kull okkazjoni, f'kull bzonn, irridhek tiftakar fija.

Maria : Kif sejra nibda nirringrazzjak?

Tereza : Sinjura, hawn is-sinjura Giovanna, giet ittik l-ghomor.

Guglielmi: Kompli, Maria, kompli maghha.

(Pawsa)

Mario : X'jidhirlek, Sur Guglielmi?

Guglielmi: Inhossni miblugh, Mario. ;;; Il-funeral x'hin see isir?

Mario : Ghada filghodu fis-sebgha.

Guglielmi: Hekk kmieni?

Mario : Ser isir f'dak il-hin biex shabna ta' l-ufficcju jkunu jistghu jigu jakkompanjawh.

Guglielmi: Sewwa, sewwa ... nittama li hadd minkhom ma jonqos.

Sergio : M'ghandekx ghax tahseb, Sur Guglielmi.

Guglielmi: Jiena behsibni nigi ukoll.... Isma, dak il-bust ta' Adriano?

Sergio : Iva. Kien ghamilulu habib tighu.

Mario : Ghadni ma nistax nemmen....

Guglielmi: Destin ikreh... Jiena ser inhallikhom... Narakhom ghada.

Sergio : Ma nonqsux, ma nonqsux, Sur Guglielmi.

(Pawsa)

Sergio : Smajtu x'qal? Behsiebu jigi ghal funeral.

Mario : Hazin ghalina ghaliex ikollna mmorru ahna wkoll.

Sergio : Fis-sebgha!... Ikollna nqumu kmieni... X'naghmlu jmmorru?

Mario : Iva, ahjar. (Fade Out)

(Fade In:)

Lina : Maria, ser joqoghod xi hadd mighek, il-lejla?

Tereza : Jien, kont noqoghod bil-qalb kollha, imma ghad irrid nisqi lil baby, kif inraqqad, nerga nittawwallek

~~Luisa : U jien billi zewgi ser isiefer, irrid inlestilu hwejgu, imma aktar tard inkun nista' nigi nerga' nigi.~~

~~Tereza : Jien ukoll, kif inraqqad lil Baby, nerga nittawwallek.~~

Lina : (B'lehen baxx) Silvio, nghidilha li ser toqoghod maghha int?

Silvio : Jien? Mela qegheda tiggennen? Noqoghod lejl shieh imqajjem?

Lina : Ghall-inqas noffrulha, hi m'hix ser taccetta.

Silvio : U jekk tghidlek iva?

Lina : Allura ingibulha xi skuza.

Tereza : (B'lehen gholi) Kif ghedtlek, sinjura... Kif nraqqad lil baby, nerga nigi.

~~Luisa~~ Lina : Mur, mur, Tereza... sakem tigi nibqa' hawn jien.

Maria : Le, le, ~~Luisa~~ Lina.... Tistghu tmorru... jien m'ghandhi bzonn xejn.

Lina : Ara inthom tistghu tmorru, nibqghu jiena u Silvio. Maria, Silvio, jekk trid, jibqa' mighek il-lejl kollu.

Maria : Le, le, m'hemmx ghalfejn... grazzi hafna.

Lina : Jidhirlek li ghandna nhalluk wahdhek? Le, le... Silvio jibqa' hawn, ivenshek.... Din hija l-ahhar haga li jista' jaghmel ghal habib tighu.

Silvio : Iva, sinjura... jekk trid jiena nibqa' mighek il-lejl kollu.

**Maria :** (Kwazi titlobhom bil-hniena) Le, m'hemmx ghalfejn... . Nitlobkhom thalluni wahdi... ghandhi bzonn noqoghod fil-kwiet... ghandhi bzonn li ma nara lil hadd ... li ma jkellmunhix....

**Lina :** Ma jistax jkun li nhalluk tghaddi l-lejl wahdek... Ara, Silvio joqoghod f'dik ir-rokna, fuq dik il-pultruna... Nittama li ma tichadlux dan is-sagrificcju ckejken li jrid jaghmel ghal habib tighu... dan huwa l-ahhar sagrificcju. Adriano kien qisu huh.

**Maria :** (Bhal wahda li qed titlef il-pacenzja) Imma ghaliex? Ghaliex tinsisti? Qegheda nitolbok bi pjacir... Morru... morru u halluni ... Jiena nirringrazzjakhom minn qalbi... ghadruni... ghandhi bzonn noqoghod wahdi.

**Silvio:** Allura jekk is-sinjura trid toqoghod wahidha....

**Maria :** Iva, wahdi ahjar... Jiena nirringrazzjakhom xorta wahda... Lilkhom ukoll... Tistghu tmorru u nirringrazzjakhom mill-attenzjoni.

Vuċ għ[illegible]

**~~Luisa~~ Tereza :** Jekk tkun trid xi haga, kemm issejjahli, sinjura.

**Maria :** Grazzi, grazzi, Luisa.

**Tereza:** Il-brodu qeghedtulek fuq il-kuciniera, kemm issahhnu.

**Maria :** Grazzi, Tereza, grazzi...... (Fade Out)

(Fade In:)

**Adriano** U hawn marti sabet ruhha wahidha... mitluqa fuq pultruna, tahseb fija... ..Kien dalam ghal kollox... l-Arlogg instama' idoqq it-tminja...

Hoss: (Jinstemghu it-tokki ta' l-arlogg)

**Deffien:** U s'hawn kont ghadek fit-tebut?

**Adriano:** Iva... Kont ghadni mejjet. . Ir-radio ta' wiehed mill-girien instama idoqq waltz...

Hoss: (Jinstama Waltz fil-qosor)

Ghal din il-muzika, marti donna giet f'sensiha... bhal wahda milquta minn xi haga, smajtha riesqalejn it-tieqa u minnufieh ghalqita... Il-muzika ma nstemghetx izjed... F'dak is-skiet bdejt nisma l-passi ta' dawk li kienu gejjin u sejrin fil-kamra ta' hdejja... Hassejthom jersqu lejja, imbaghad jergghu jidbeghedu... hemda mill-gdid... hemda tal-mewt....F'dan il-waqt sar il-miraklu... F'riglejja u f'dirghajja bdejt inhoss tingis qawwi... hsiebt li d-dud kien ga qed jaghmel ghalija .. Imbaghad fwawar kbar bdejt inhosshom telghin ghal rasi... Il-pulmuni mill gdid bdew jiffunzjonaw u nifs-gaghalni niftah ghajnejja... Ir-rieha tal-fjuri li kien hemm madwari, hassejta qed tisturdini... Hawn tajt salt biex inqum mit-tebut u f'salt wiehed sibt ruhi bilqegheda. Bdejt inhares madwari, qisni wiehed ibleh. Hdejja, kien hemm erba' xemghat mixghula... Fuq

: sidri, ilmaht imdendel salib... nehhejtu minn fuqi, qomt u hrigt mit-tebut... Bdejt nixxengel, la naf bid-debbulizza u l-anqas bl-isturdament... ersaq/lejn il-bieb u dhalt fil-kamra tal-pranzu....Ersaqt lejn marti li ~~kiexx~~ bhall-issa kienet mitluqa fuq pultruna, rieqda, u bil-mod, missejtilha kemm, kemm, ida... Maria fethet ghajnejha u

Maria : (Issemma ghajta twila)

Adriano: Maria!... Maria!.... Alla tighi!!! Intilfet!... Maria!... Maria!...

Bhall-issa kont mixhut f'riglejha... kienet mitlufa, xarrabtilha wicca u f'daqqa wahda bdiet dbexxaq ghajnejha..

Maria!... Maria!....

Maria : (Imbazza, ittemtem) A..dria... no!...

Adriano: Iva!... Jien, Adriano... Ikollok hniena... tergax tintilef minn sensik... Maria, ibqa' kalma... nitolbok... Jien Adriano... Iva, jien, kolni kemm jien, haj mimli bil-ghomor... Missni... missni b'idejk halli tara l-verità.

Maria : (Ittemtem) Imma... kif?... Kif... jista' jkun?....

Adriano: Haga li ma titwemminx... Irgajt qomt.. Le, le... x'jiena nghid... Jien kont imqajjem il-hin kollu... ma stajtx nidharrek u issa, f'daqqa wahda....

Maria : Hallini immissek... Adriano!... Adriano!.... Hallini nbusek!.... Adriano tighi!.. (Jinstemghu jidbewsu) Le, le, titharrikx... Ibqa' kif int... qed nisthajjilni f'xi holma, holma tal-biza.... Imma tassew li ghadek haj? Hallini narak sewwa.. hallini nisma lehnek... Kellimni... Ghidli, sofrejt xejn kemm ilek mitluf?

Adriano: Ma nistax infissirlek... Tal-biza!... M'hux l-ugieh, le, dan ma kien xejn... imma l-biza .. il-biza kien tafribbli... Gib quddiem ghajnejk ftit... kont qed nisma kollox .. L-ilhna, il-kliem, il-passi, il-biki tighek... Kemm gaghaltni nsofri, Maria.... Riedt nghajjat... Riedt nghidlek: "Le! Tibkix izjed.. M'inhix mejjet!" Ma stajtx... Ilsieni kien mejjet.

Maria : Alla tighi!.. X'biza!.... Imma kif? Kif ma ntebhux li kont ghadek haj?

Adriano: Ma nistax nifhem... Milli nista nahseb, id-dehera tighi kienet ta' bniedem mejjet... m'hux l-ewwel darba li qrajt fuq kazi bhal dawn.. qatt ma kont nemmen.. kont nahseb li dawn kienu jkunu qlajjiet tal-gurnalisti . Kont imqarraqghaliex issa dan il-kaz gara lili .. Ghidli, Maria, x'kont naghmel kieku ma qomtx qabel nizzluni fil-qabar?

Maria : Le, le... tkomplix, nitolbok... Il-hsieb biss li kont ser tigi midfun haj, jgenninni .. Ghidli, Adriano, kif thossok issa? Trid nsejjah tabib?

Adriano: Le, le, Maria.. Jien nhossni tajjeb hafna.

Maria : Oqoghod bilqegheda, Adriano... l-istrapazz jaghmillek hazin.. jehtieg li issa jzzomm ruhek kalm... toqoghod mistrieh... imtedd, imtedd ftit fuq id-divan.

Adriano: (Dahqan) Le, Maria... Ikollok hniena... Ili mindut erba' u ghoxrin sigha... nghidlek issew, il-pozizjoni li kont fieha, ma tantx ghogbitni... l-aktar meta niftakar li kont ser nibqa f'dik il-qaghada ghal ghomri.

Maria : Imma kif ghandek aptit ticcajta wara dak li ghadda minghalik?

Adriano: U ghaliex m'ghandix niccajta? Bhall-issa qed inhossni ser intir bil-ferh... Isa, Maria, tajjar dawk il-buli minn fuqhek... Ifrah, ifrah mighi li rgajna ltqajna... Ghidli, jaqaw m'inthix ferhana li rgajt rajtni?

Mar ia : Iva, iva... ferhana... Jien stess anqas naf x'nibda nghid... Ghadni ma nistax nemmen... inhossni miblugha... donni qed nibza minn dan il-ferh li qed inhoss bhall-issa.

Adriano: Imsejkna Maria... Ghalija, int xerridt hafna dmugh... Ghal kull demgha li xerridt irrid ndahqhek dahqa... ahseb ftit... dawk ix-xeni ta' biki... ta' niket l-int rajt f'din il-kamra, issa mbidlu f'xeni ta' ferh, ta' dahq... Iz-zjajjar tal-girien taghna, il-kondoljanzi... dawk il-gandlieri li ghadhom jixghelu... ejja, ejja naraw x'effett qeghedin jaghmlu bhall-issa....

Maria : Le, le... dak it-tebut m'irridx narah.

Adriano: Xi gralek? M'niex qegheda tibza, issa? Jien ninsab hdejk... Sa ftit ilu ix-xena kienet tragika, issa saret farsa.... Xi jghid kieku xi hadd jidhol fuqna u jarana flimkien? Il-mejjet u l-armla labranzetta, jitkellmu bil-kalma kollha...

Maria : (Tidhaq ftit fit-tul)

Adriano: Issa brava.... Fl-ahhar qegheda tidhaq int ukoll... Issa kuntent... Ma nistax nara sitwazzjoni izjed tac-cajt minn din... Ftit ilu, jiena kont ninsab hemm, f'dak it-tebut... Int kont qegheda tibki, iddisprata; il-girien gew ituk l-ghomor... gew isabbruk . Veru? It-tabib ukoll gie jarak.

Maria : Iva, miskin... dan kien twajjeb hafna mighi...

Adriano: X'qallek, Maria... Ghidli x'qallek.

Maria : Jien stess anqas naf... Ma niftakarx... Naf li qalli hafna xorti.

Adriano: Nittama l-int kont gentili mighu... Ghidli, irringrazzjajtu?

Maria : X'jidhirlek, Adriano?

Adriano: U shabi? X'qalu shabi ta' l-ufficcju? Ghalihom kienet fortuna li helsu minni.

Maria : Tghidx hekk, Adriano... Shabek ghelew hafna ghalik.

Adriano: Bil-kliem, hux tassew? Nilghab imhatra li Bianchini ga ha l-iskrivanija tighi... Mur ara x'wicc ser jaghmel meta jarani mill-gdid quddiemu. X'jghid meta nghidlu: " Habib, jekk joghogbok tista' terga' tmur fuq l-iskrivanija tighek." Tkun tassew xena tad-dahq ( Jinfexxu jidhqu t-tnejn) U x'inghidu ghal ghada meta jigu ghalija l-bekkamorti? Immur jien stess nifthilhom il-bieb... Nghidilhom: "Jissobbija, sinjuri, din ic-cerimonja giet mhollija ghal darb'ohra" (It-tnejn jidhqu) Ghidli ftit, Maria, int ga hallasthom l-ispejjes tal-funeral?

Maria : Iva, kollox hallast, imma ghadni ma nafx kemm qamet l-ispiza kollha.

Adriano: Xi klassi kien ser ikun l-funeral tighi?

Maria : Prima... prima klassi.

Adriano: Mara halja... int stajt tibaghtni terza klassi.

Maria : Adriano.... Tahsibx li kelli l-wicc tost li nittratta mighek b'dan il-mod... Dak kien sejjer ikun l-ahhar tigal tighi.

Adriano: Nizzik hajr, nizzik hajr, Maria.... Qed naghli ghal flus li nfaqt.

Maria : Pacenzja... x'jimporta.

Adriano: U dawk il-fjuri li kien hemm madwari? X'hala!... Minjaf kemm infaqt fihom... Taf x'naghmlu, Maria, naghzlu l-ahjar u naghmlu bukkett sabieh ghal fuq il-mejda... Isma, qed insemmi l-mejda, m'hemmx xi haga x'niekol?... Ghandi guh nibla l-art.

Maria : Miskin... ghandek ragun; ilek ma titrejjaq mil bierah.

Adriano: Nahseb li int ukoll iffjakkajt.

Maria : Le, bhall-issa ghandi bhal-ghoqla fi grizmejja.

Adriano: Isma minni, kul xi haga, Maria... dik l-ghoqla ma thossiex izjed... Isa, ejja nirrangaw xi haga malajr... flimkien, wahidna, f'din il-hemda, inkunu qisna zewg gharajjes friski... Xi tghid, Maria?

Maria : Iva, iva, imma qed nibza li fil-kcina ma baqa' xejn... Halli mmur nara... X'ghandek aptit, Adriano? Nitolbok tiskuzani... bl-inkwiet li kelli ma hsiebt xejn ghall-ikel.

Adriano: Mur, mur, lesti xi haga, Maria... sa dat-tant, jien inlesti l-mejda.

Hoss: ( Kexxun jinfetah - platti - mgharef u frieket - tazzi )

Maria : Hlief bajd, gobon u frott, m'ghandix, Adriano... tiekol bihom?

Adriano: Hekk biss?

Maria : Hemm skutella brodu offrietili ta' hdejna.

Adriano: (Iddisappuntat) Brodu? Jien xi platt spagetti kelli aptit.

Maria : Jiddispjacini... Jekk trid, immur nissellef ftit ghagin minn ghand ta' tahtna.

Adriano: Ma jinpurtax, Maria... nikkuntentaw bil-bajd u l-gobon.

Hoss: ( Platti u frieket)

Maria : Stenna, Adriano, stenna... qabel xejn nifirxu d-dvalja.

Adriano: Fejn qegheda?

Maria : Halli, halli kollox ghaliġa... sa dat-tant, int, igbor dawk il-karti.

Adriano: X'inhuma dawn il-karti kolla, Maria?

Hoss: (Karti)

Maria : Anqas naf... telegrammi... ricevuti... hemm ukoll dawk il-karti li kien hemm fil-komodina... l-avukat Gherbihi talabni d-dokumenti kolla li kelli.

Adriano: (Waqt li jinstemgha iqalleb xi karti) Kemm telegrammi... Kemm kondoljanzi... Ah! Il-ktieb tal-bank........ Taf xejn kemm baqaghlna, Maria?

Maria : Kemm baqa?

Adriano: Tliett-elef u mitejn lira.

Maria : Eh, pacenzja... issa li hemm, hemm.

Adriano: Din ic-cajta swietilna hafna... Dak li faddalna b'hafna dbatija, mar f'daqqa wahda.

Maria : Nergghu nibdew mill-gdid, xi trid taghmel?

Adriano: Ma nistghux naghmlu hag'ohra.

Maria : Kif tridu l-bajd, froga jew moqli?

Adriano: Skuzi... kont alienat... qed naqra din...

Maria : Staqsejtek jekk tridx froga jew bajd moqli.

Adriano: Ghalija xorta, Maria... ghamlu kif joghgbok.

Maria : Halli mmur....

Adriano: Stenna.. . Ersaq l-hawn....... Taf x'inhi din il-karta?

Maria : Le, jaqaw???

Adriano: Il-polza ta' l-assikurazzjoni.

Maria : Iva, kellimni fuqa l-Avukat Gherbini... Gaghalni wkoll niffirma xi haga .. Jidhirli li qalli li kienet importanti hafna.

Adriano: X'telfa din...

Maria : Telfa???

Adriano: Telfa ta' tliett-mitt-elf lira!

Maria : Tliett-mitt-elf-lira!...

Adriano: Aqra ftit.... " F'kaz ta' mewt ta' l-Assigurat, is-Società thallas is-somma ta' tliett-mitt-elf lira."

Adriano: X'dinja!... Haj ma kont ikkalkulat xejn... mejjet, niswa tliett-mitt-elf lira.

Maria : Dan kollu kliem fierah.... Oqoghod bilqegheda halli mmur naghmel il-froga.

Adriano: Stenna, Maria, stenna ftit.

Maria : Xi trid? X'gara?

Adriano: Xejn, xejn... mur, mur lesti l-froga.

Muzika(fil-qosor) Serenata d'amore Mantovani

Maria : Poggi, halli nieklu xi haga... skuzani froga ta' malajr.

Adriano: Maria, ftit ilu ghedtli li l-avukat gaghalhek tiffirma d-denunzja tal-mewt ghall-Assigurazjoni.

Maria : Iva, hekk jidhirli... Ma nisgurakx... minghalija smajtu isemmi xi haga fuq l-assigurazjoni... Taghni karta.. qalli li kienet urgenti.. talabni niffirmaha u jien iffirmajta.

(Pawsa)

M'inthix ser tiekol... il-froga ser tiksah.

Adriano: Maria!..

Maria : X'inqala?

Adriano: Maria... Jien ninsab mejjet.

Maria : (Imbazza) X'inti tghid, Adriano???

Adriano: Tghajjatx! Ifhimni tajjeb... Jien ghan-nies, ninsab mejjet. Qegheda tifhimni? Mejjet ghal kullhadd.

Maria : Adriano!....

Adriano: Hallini nkompli... hallini nfehemek... It-tabib ga iffirma ic-certifikat tal-mewt tighi... Lili ga qegheduni fit-tebut u ma jonqosx hag'ohra ghajr li jidfnuni.....

Maria : Imma ghaliex? Ghaliex tibqa' issemmi dal-hwejjeg tal-biza?

Adriano: Kif? Jista' jkun li ghadek ma fhimtnix? L-Assigurazjoni!

Maria : X'igifieri?

Adriano: (Dejjem izjed agitat) Bhall-issa l-Assigurazjoni ga lesta biex thallas is-somma... X'jidhirlek, Maria? Tliett-mitt-elf lira.

Maria : (Imbazza) Imma kif? Kif jista' jkun? Mela trid li.... Le, le... kif tista' biss tahseb fuq dan?

Adriano: Il-fortuna, Maria.. Il-fortuna laqtitni ghal gharrieda... Bla ma kont nistenniha qatt... M'inthix tintebah kemm huwa semplici l-pjan tighi? Id-destin donnu, b'dik il-mewta tighi ried jghina... Irid jarana nghixu izjed hinjin... Maria, ufficjalment, jiena ninsab mejjet... L-Awtorità ga irregistrat il-mewt tighi... Ghan-nies, jien ninsab hemm, f'dak it-tebut, imkeffef f'lizar.. imdawwar bil-fjuri... Ghada filghodu johduni ghad-difna... Hadd ma jobsor.. le, hadd... Ahseb ftit, Maria....

Maria : Tal-biza!.. Dak li qed tghidli qed ikexkixni.

Adriano: Imma ghaliex qegheda tibza? Id-destin halla l-ghazla f'ideja Jew nibqa' mal-mejtin, jew nerga' l-ura fost il-hajjin... Maria, jekk nibqa mal-mejtin, jien nikseb is-somma ta' 300000 lira.. Jekk nerga l-ura mal-hajjin, insib ruhi fl-ufficcju, b'salarju zghir... dejn... faqar... le, le... ahjar nibqa' mal-mejtin... imbaghad, ahseb ftit, Maria....

Hoss: ( Il-qampiena tal-bieb ta' barra)

Il-bieb, Maria.

Maria : (Imbazza) Iva, gie xi hadd.

Adriano: Hallihom icemplu.. tiftah lil hadd.

Maria : Ghaliex?

Adriano: Ghedtlek tiftah lil hadd. Min setgha gie?

Maria : Ma nafx.. forsi xi wahda mill-girien.

Adriano: Maria... Ahjar tmur tiftah... Iftah bla kliem xejn.

Maria : X'igifieri?

Adriano: Igifieri ebda kelma fuq dak li gara... Xejn... Qegheda tifhimni? Ehles minnha malajr...

Maria : Tajjeb....

Hoss: (Passi jidbeghedu - bieb jinfetah)

Mara : Ahfilri, Sinjura... Sgur kont rieqda.

Maria : Le, le... kont bilqegheda qed nistrieh.

Adriano: Jien gejt biex naghmel il-lejl mighek.

Maria : Le, le, m'hemmx ghalfejn... Ser noqoghod jien mighu.

Mara : Imma, int, tidher ghajjiena, sinjura... Ghandek bzonn tistrieh.

Maria : Ma jimpurtax.. ma jimpurtax... nirringrazzjak... L-ahhar lejla nixtieq noqoghod mighu wahdi...

Mara : Thallini ghall-inqas inqeghedlu dal ftit fjuri fuq it-tebut?

Maria : Inqeghedhomlok jien... grazzi hafna... mur issa, mur strieh.

Mara : Kif joghogbok mela.. forsi nerga' nghaddi aktar tard.

Maria : Iva, izjed tard... grazzi.

Hoss: (Bieb jinghalaq - passi resqin)

Adriano: Haffef, Maria... M'hemmx zmien x'nitilfu.

Maria : (Imbazza) Le, Adriano!... Nitolbok... Iva, nibza... nibza....

Adriano: Tibza mniex? Ikkalma... M'hemm ebda periklu... Hadd ma jista' jintebah...

Maria : M'hux dak li qed ibezzaghni... Int ma tistax tifhem... Adriano int taf x'irrid infisser... ( Pawsa) Hekku, fhimtni, issa? Qed tibza int ukoll.

Adriano: Le, le, din blugha tighek .. Halli kollox f'idejja... Int ma taf xejn... Qegheda tifhimni? Minn hawn u ftit iehor, terga' l-ura l-gara taghna... isa, Maria... Iva, dak il-bust tal-bronz addattat hafna....

Maria : X'ser taghmel, Adriano?

Adriano: Il-pis, Maria, il-pis fit-tebut.... Dan m'hux bizzejjed, hafif wisq... Ara issiblix xi bictejn hadid tqal...

Maria : X'ghedtli?

Adriano: Bil-kcina qeghedin... Il-hdejjed tal-moghdija .. Dak li jssib tqil gibuli... Isa, haffef.

Hoss: ( Jinstemgha qed iqighed xi affarijiet fit-tebut - passi hfief)

Maria : Gibtomlok il-hdejjed.

Adriano: (Waqt li jinstemgha iqeghedom fit-tebut) Dawn m'hux bizzejjed... jehtieg pis izjed... Jien m'inhix hafif daqshekk. Ara issiblix xi haga ohra............. Ser tibqa' hemm? Sibtli xi hag'ohra?

Maria : Le!... Ismaghni, Adriano... Hallini nkelmek... Irraguna ftit.. Ahseb fil-konsekwenzi... Dan li trid taghmel int, huwa serq kbir... jekk tinqabad...

Adriano: Imma kif tridhom jaqbduni?... Din haga li ma tistax tkun... Intik il-kelma tighi li ma jistax jkun.

Maria : Adriano... Dan huwa genn tighek... Dawk il-flus m'ghandekx xi tridhom... Dawk ikunu flus misruqa... Qieghed tifhimni? Misruqa.....

Adriano: Irrid pis izjed... irrid nimla l-wisa' li hawn fit-tebut.

Maria : Adriano!... Adriano!... Qed inkelmek u int m'inthix tismaghni... Ifhimni ghal mumnet wiehed biss... Jekk tinqabad, tmur il-habs... Ahsiba ftit... ahsiba, nitolbok.

Adriano: Iskot, Maria... Qed niftakar... Hemm il-bust tighi... Dak tal-bronz ukoll...

Maria : Le.. Dak ma tmissux... L-ahhar ~~t~~ifkira tighek...

Adriano: Xi htiga hemm ta' din it-tifkira? Issa, ghandek lili, mimli bil-ghomor...

Muzika: . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Adriano: Maria!... Maria!...

Maria : (Sorpriza) X'gara?

Adriano: (Ferhan) X'jidhirlek, Maria?

Maria : (Ferhana) Radjogramm!... Ghalina? Kemm hu sabieh!...

Muzika: ~~xxxx~~: ( Tinstemgha bicca muzika qawwija) 941

Tiftahlux daqshekk... Izjed baxx... izjed baxx... ser ittarraxni.

Adriano: Smajt x'forza ghandu? Kuntenta issa?

~~xxxx~~: (Il-muzika tieqaf)

Maria : Tistaqsini? Ma stajtx taghmilli rigal isbah minn dan. Short Wave... Extra short... Sabieh, sabieh tassew... hawn ukoll fejn tqieghed id-diski.

Adriano: Dawn jinsabu hemm ukoll.

Maria : (Ferhana) Tassew? Halli narhom.

Adriano: Ara joghgbukx... ghaziltlhek l-ahhar diski li hargu... diski ballabbli... kanzunetti u hemm ukoll xi haga ta' l-opra.

Maria : Sbieh.. sbieh ~~xxxxxx~~...

Adriano: Jaqaw ma joghgbukx?

Maria : Iva, imma....

Adriano: Fhimtek... Int izjed thobb muzika klassika.

Maria : Kullhadd ghandu l-gosti tighu... Lilek joghogbuk il-marci, it-trombi... lili, joghogobni Beethoven, Bach u Chopin...

Adriano: Ghid, issew, Maria;;; M'irridx noffendik .. Int tifhima dil-muzika?

Maria : Sgur li nifhima... tant hi semplici... tant hi sabieha...

Adriano: Sabieha??? Jien, nghid ghalija, ma nifhimx hlief it-Trombi u t-tnabar... Intant, ghogbok, hux tassew... L-ahhar mudell... Jiswa kemxa gmiela.

Maria : Tassew? Ghamilt hazin xtrajtu.

Adriano: Ghaliex? Ilna ghomorna kollu noholmu biex nixtru radjogramm ... issa li nistghu nixtruh, nixtruh mill-isbah u mill-ahjar

Maria : Iva, imma jekk nibqghu nonfqu l-flus b'dan il-mod, nistghu nixtru kull ma naraw.

Adriano: Thabbilx rasek... Inti joghogbok? Kuntenta? Dak l-aqwa... il-hsieb hallieh ghalija.

Maria : Jien m'hux ghax qegheda nhabbel rashi, imma, ifhimni ftit... dawn l-ispejjez li qeghedin naghmlu, il-flus qeghedin itiru minn idejna... xi darba ghad jispiccaw... imbaghad fiex insibu ruhna?

Adriano: Ma nafx... ma nafx u m'irridx inkun naf... Bhall-issa irrid niehu dak il-gost li mberbaq il-flus.... irrid li npaxxi il-kapricci tighi... Dan huwa l-hena tal-hajja... Li tonfoq... li taqta xewqtek... Il-flus li wiehed jaqla bix-xoghol ma jaghmlukx hieni... Kull lira li taqla, tfisser xoghol u dbatija... Il-flus li qed nonfoq, bil-maqlub...

Maria : Naf... Qegheda nifhemk... Imma jehtieg li wiehed jahseb ghal gejjieniNN. Ma nistghux nkomplu nghixu f'dawn il-kapricci.. X'imdaqqiet, nahseb hazin....

Adriano: Tahseb hazin!... Dejjem tahseb hazin!.... Tiftakar, Maria, Dak inhar, ukoll hsiebt hazin... Hsiebt li konna sejrin ninqabdu... Li kont ser nispicca il-habs... Sar kollox bil-maqlub... Isma, bilhaqq... Il-lum x'gurnata hi?

Maria : Ma nafx... L-Erbgha? Il-Hamis?

Adriano: Il-gurnata tax-xahar irrid naf.

Maria : Emminni li ma nafx... Iz-zmien, ghalija, donnu li sar ma ifisser xejn.

Adriano: Il-lum ghandna 4 minn Settembru.

Maria : B'daqshekk?

Adriano: Kif? Din id-data,ghalik,ma tfisser xejn?

Maria : Ghalija? Le, xejn... Ghaliex? Xi tfisser ghalik din il-gurnata?

Adriano: Il-lum jahbat eghluq it-tletin gurnata.

Maria : X'igifieri?

Adriano: Imma x'razza ta' armla int? ~~Xkxkm~~ Xahar ilu, bhal-lum,

: l-imsejken ragel tighek... ( Ikompli l-frasi b'ton sinifikativ) miet.....

Maria : (Inkurlata u dahqana fl-istess hin) Le, le... Adriano, ghedtlek kemm il-darba, ma jrridx cajt bhal dan.

Adriano: U jien, kemm il-darba ghedtlek biex ma jssejjahlix Adriano? Jien jisimni Roberto.

Maria : Ghandek ragun... iva, ghandek ragun... Dan l-isem ma nistax nidrah... Ghidli, kien mehtieg li....

Adriano: U kif le? Jien kont hsiebt ghal kollox... Ir-ragel tighek jinsab mejjet... Jien, huwa huh... Il-kunjatu tighek... Int gejt hawn... gejt biex idderri u tinsa... u jien, jien gejt mighek biex naghmillhek kumpannija........ Maria, nixtieq nistaqsik xi haga.

Maria : Ghidli.

Adriano: X'kont taghmel, kieku jiena kont tassew mejjet?

Maria : X'inti tghid? Xi kliem hu dan?

Adriano: Kurzità ckejkna... Kont tkun ghadhek qalbek sewda, bhall-issa?

Maria : X'jidhirlek?

Adriano: Ukoll issa, li ghadda xahar mill-mewt tighi?

Maria : Tahseb li jiena nista' ninsa hekk malajr?

Adriano: Ma nistax nemmen li wara daz-zmien kieku ghadhek tibki.

Maria : Il-biki kien ikun isserhan ta' qalbi.

Adriano: Kliemek qed itini gost, Maria.

Maria : Ma tistax tkellimni fuq xi hag'ohra?

Adriano: Isbah din... Nitkellmu fuq hag'ohra... Ghidli, xi trid naghmlu?..Is-sajf kwazi wasal biex jispicca... Ftit iehor u l-villeggjanti jitilqu lejn il-belt... Ahna x'ser naghmlu? Inqattghu x-xitwa hawn?

Maria : Fejn trid tmur? Ahjar minn hawn ma nsibux.

Adriano: Taf x'nistghu naghmlu, immorru Perugja, ghand Michele, iz-ziju tighek... Mur ara x'festa jaghmlilna... ilu tant jistenniena.

Maria : Ghand iz-ziju Michele? Imma int qed tiggennen? Int ma tistax tigi mighi.

Adriano: Ghaliex?

Maria : Ghaliex int mejjet.

Adriano: Ghandek ragun... iva, veru.. jiena mejjet... imma, allura fejn se' immorru?

Maria : Imkien... nibqghu hawn... Isma minni, hawnhekk ma jafna hadd u ghalhekk hadd ma jista jissuspetta xejn.

Adriano: U xi tridhom jissuspettaw?

Maria : Ghadek ma fhimtnix? Ragel u mara li jghixu fl-istess dar, bla ma trid igaghaluk tahseb li jinhabbu.

Adriano: Ghaldaqshekk hallihom jahsbu li jridu... X'jimporta? Ghaliex, Maria, qed tghidli hekk? Jaqaw staqsewk xi haga?

Maria : Le, ma staqsewni xejn... imma certi frazijiet... certi alluzjonijiet ta' Pawlina... kieku taf kemm hi kurjuza...

Adriano: Int ghedtila li jien l-kunjatu tighek?

Maria : U sgur li ghedtilha... Ghalhekk qegheda nidhasseb... Hija tarana flimkien.. tarana ferhana, tara lilhi li ghadni kemm tlieft lil zewgi... lilek li ghadek kemm tlieft lil huk...

Adriano: X'ghedt? X'igifieri? Allura jiena u int irridu nghixu dejjem imdejqa? B'wiccna mqarras?

Maria : Nahseb li ma naghmlux hazin.

Adriano: Il-hazin taf x'inhu? X'imdaqqiet jien ninsa... Imbaghad fl-ahhar minn l-ahhar, m'hemmx ghalfejn nesageraw.

Pawlina: (Il-boghod mill-mikraofonu) Maria! Maria!

Maria : Hekku!... Waslet Pawlina......... Ghaddi, ghaddi, Pawlina.

Pawlina: (Qrib il-Mike) L-ghodwa t-tajba.

Adriano: L-ghodwa t-tajba, sinjorina.

Pawlina: Kif, Maria, ghadek m'inthix lesta?

Maria : Ghaliex? X'hin sar?

Pawlina: Sar il-hin.. Ga daqqu l-hamsa.

Maria : X'wahdadin!... Minghalija ghadu l-hin.... Dal-waqt tarani lesta... zewg minuti biss.

Pawlina: Xi gmiel ta' radjogramm... Dan il-lum gibtuh?

Adriano: Iva.. Joghogbok?

Pawlina: Sabieh tassew... Ghall-inqas, b'dan, inkunu nistghu nisfnu fit-terrazzin .. xi tghid?

Adriano: Nisfnu???

Pawlina: Ghaliex le? Ghidli, jaqaw xtrajtu rigal lil Maria?

Adriano: Iva... Kienet ilha hafna tghidli li tixtieq radjogramm.

Pawlina: (Bid-dahqa) Eh, int tirrispettaha hafna lil kunjata.

Adriano: Xi trid taghmel... Nara kif inderrilha... biex innissiha.

Pawlina: (B'ironija) Ghandha ragun, miskina... Iva, ghandha bzonn hafna min iderrilha.

Adriano: (Sorpriz) Ghaliex? X'igifieri? Xi trid tfisser?

Pawlina: Jien? Xejn... Riedt nghid li wara disgrazzja bhal dik li sofriet, jehtieg li wiehed inissiha... isabbarha u jikkunslaha.

Adriano: Iva, iva, miskina...

Pawlina: (Waqt li tinstemgha kartiera tas-sigaretti tinfetah) Tpejjeb?

Adriano: Iva, grazzi... (Jinstemgha qed jixghel sulfarina)

Pawlina: Grazzi..... Aqtaghli kurzità... Min kien l-izghar fostkhom, int jew huk?

Adriano: (Imfixkel) Eh??? Bejn wiehed u iehor, konna ta' l-istess zmien... Hija kien izghar minni... m'hux wisq.. Xi sena kien hemm bejnietna.

Pawlinu: Kien helu xejn?

Adriano: Iva... Kienu jghidu li kien simpatiku hafna...

Pawlina: Izjed minnek?

Adriano: (Ikkonfondut) Imma... dawn x'mistoqsijiet huma? Jien kif nista' nghid??? Ghalija, it-tnejn konna simpatici

Pawlina: Ismaghni... Jien nixtieq nghidlek xi haga... Forsi dak li sejra nghidlek huwa indiskret... Ghidli, Maria, tassew kienet thobbu?

Adriano: Iva.. Ghaliex? Dak kien zewga.

Pawlina: B'daqshekk m'hix raguni bizzejjed... Naf hafna nisa mizzewga li ma jirrispettawx lil zwieghom... m'hux veru?

Adriano: (Skantat) Iva...veru... Imma ghaliex... Tahseb li....

Pawlina: Le, xxxj jien ma nahseb xejn... Kont qed nghid ingenerali... Biss hemm xi haga li ghadni ma nistax nifhimha.

Adriano: (Inkwiet) Ghidli x'inhi... forsi nista'....

Pawlina: Maria, ma titkellem qatt fuq zewga, anzi meta insemmilha xi haga fuqu, tfittex li tehles minni... iddawwar il-kliem.

Adriano: (Nervuz) Bilfors... Haga cara... Li toqoghod tiftakar fieh, huwa rikordju ikreh hafna... imma, skuzi, sinjorina... Lil Maria ma tistax tkellimha fuq xi hag'ohra?

Pawlina: Jiena staqsejtha xi haga fuq zewga, biex inkun maghha gentili... Is-soltu, meta xi hadd jitlef xi persuna ghaziza, jiehu gost jitkellem fuqha.

Adriano: Maria, bil-maqlub... Dik id-disgrazzja tixtieq tinsiha... Jien naghmel minn kollox biex nalienaha... Naghmel sforsi kbar biex nuriha li jien insejt xi ftit... Taf kemm inbati biex naghmel dan? Ghidli, jidhirlek li hu xi gost li wiehed joqoghod jiftakar f'dak li jkun sofra? Ma nistax nifhem x'manija ghandkhom inthom in-nisa, li toqoghodu titkelmu fuq il-mejtin.

Hoss: (Passi resqin)

Maria : Ma domtx ma lbist, hux veru?

Pawlina: Le, xejn... Imma kif? Irgajt ilbist dik il-libsa skura? Possibbli m'ghandekx ohra?

Maria : Iva, ghandhi ohrajn, imma cari wisq... jghajtu hafna.

Pawlina: B'dik il-libsa qegheda tistieden id-dwejjaq.

Adriano: Sinjorina, rajtx kif sewwa ghedtlek... Ser terga' tibda mill-gdid.

Maria : X'igifieri? X'gara?

Adriano: Gara li m'ghandhekx tilbes izjed dik il-libsa...l-oskurità taghha taghmlhek wisc ta' wahda imdejqa... Fuq kollox, insejt x'kien jghidlek?

Maria : (Imfixkla) Min?

Adriano: Ir-ragel tighek.

Maria : (Imhawda) Ir-ragel tighi? X'kien jghidli?

Adriano: "Jekk immut, tilbislix iswed... xejn vistu... m'hemmx ghalfejn".

Maria : (B'dahqa sfursata) Iva, niftakar.

Adriano: Allura jekk din kienet ix-xewqa tighu?.. Hawnhekk, ninsabu hdejn il-bahar.. Jekk stess tilbes ic-car, x'fieha din?

Maria : Ghandek ragun... Imma ghall-issa ma nafx... forsi biz-zmien.

Adriano: Fejn sejrin sabieh, sinjorina?

Pawlina: Sejrin niehdu te il-Miramar.

Maria : Tghid ikun hemm xejn nies?

Pawlina: Nahseb... Ghadhom kemm waslu hafna villegganti... Il-Miramar huwa post sabieh hafna... Dak it-terrazzin li ghandu fuq il-bahar... dik l-orkestra.. dak is-sfin...

Adriano: Is-sfin, ghedt? Tassew? Oh, xi hlewwa!.. x'gost!..

Maria : (Imfixkla, b'canfir) Adriano!... Roberto!... Ghadni ma nistax nidra... Isem zewgi ma jistax imur minn fommi.

Adriano: Ismaghni, Maria, Jien sgur li kieku zewgek ghadu jista' jitkellem, kien jghidlek: " Isfen, Maria... ix-xala u

: tahsibx izjed fija - Fejn ninsab jien qieghed tajjeb".

Maria : Ghandkhom ragun, imma jien, m'ghandhix aptit.. m'irridx nidher li....

Pawlina: Kif? Ser jerga' jibdielhek? M'inthix behsiebhek tkompli tigi migii?

Maria : Ma nafx.. Ghadni m'inhix sgura.

Pawlina: U hallik mill-hmierijiet... Maria, int ghandhek bzonn idderri. Il-Miramar, insibu xi mejda imrekkna, fejn ma tantx nidhru..., int, Sur Roberto, m'inthix gej?

Adriano: Issa nigi nilhaqkhom .. qabel nohrog, irrid inlesti l-aerial tar-radjogramm

Muzika: . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . (Fil-Qosor)

Maria : Adriano! Adriano! Adriano!

Adriano: X'gara, Maria?

Maria : (B'lèhen maqtugh) Adriano...Ahrab malajr.. Mur stahba x'imkien.

Adriano: Nistahba? Ghaliex? X'gara?

Maria : Xi haga tal-biza!... Alla tighi!... Bil-girja li grejt, qtajt nifsi... Nitolbok, Adriano... Stahba, stahba x'imkien.

Adriano: (Bla pacenzja) Imma ghaliex? Ghaliex tridni nistahba? Fisser ruhek, Maria... Ghidli x'gara.

Maria : Guglielmi... Il-principal tighek jinsab hawn.

Adriano: Kif???

Maria : Iva, rajtu jien stess... Huwa wkoll rani... Gharafni sgur.

Adriano: Imma kif??? Fejn rak? Meta?...

Maria : (Titkellem konfusa bi frasijiet maqtugha) Issa, issa stess. Kif, jien u Pawlina, wasalna fit-triq principali, ghaddiet karrozza... Kien qieghed isuq huwa stess.. Rani.. gharafni... beda isuq lejna . Ikkonfondejt x'nibda naghmel... Lil Pawlina ghedtilha li nsejt xi haga u tlaqt nigri l-hawn... M'ghandekx ghax tahseb... Issa jistaqsi ghalija... Isir jaf fejn noqoghod u jigi jfittixni... Adriano... m'hemmx zmien z'titlef... jehtieg li tmur x'imkien... li tahrab.. issa, issa stess.

Adriano: Nahrab!... Imma kif? Fejn tridni mmur?

Maria : Ghall-inqas stahba x'imkien . fejn ma jarakx.. Jekk jilmhek, ahna mitlufa.

Adriano: Ikkalma .. ikkalma... m'hemmx ghalfejn tagita ruhek daqshekk. Bl-agitazjoni ma nsewwu xejn.

Maria : X'wahdadin!... Sgur ser ninqabdu... Qalbi hekk qegheda tghidli.

Adriano: Maria, nitolbok... taghtix kas ta' dak li tghidlek qalbek...

: Int sgura li rajt sewwa?

Maria : Ghedtlek, gharafni... Kif lemahni, issorprenda ruhu u waqaf... waqaf f'salt wiehed... bla dubju, nizel mill-karrozza u beda jistaqsi ghalija... Wara li tlaqt nigri, rajtu ikellem lil Pawlina... din, m'ghandekx ghax tahseb, sgur qaltlu fejn noqoghod.

Adriano: B'daqshekk, ma jfissirx li hu gej hawn.

Maria : U jien nghidlek li qed ifittixni... Minn minuta ghall-ohra nistennieh jhabbat il-bieb... Imma, kif bqajt kalm daqshekk? Ma tintebahx li hemm bzonn taghmel xi haga?

Adriano: Xi tridni naghmel? Ghidli,xi tridni naghmel? Isa, Maria.. Thallix l-eccitament jitliflhek rashek... Wara kollox, m'ahniex sguri li gej ifittcek hawn... Il-principal tighi bilkemm jafhek u qieghed niskanta kif gharfhek hekk malajr.

Maria : Iva, gharafni... jien sgura minn dan u kif ghedtlek, dal-waqt tarah hawn.

Adriano: Dan, qed tghidu int... Ma narax li hemm raguni li ghndu jigi sgur... Imbaghad, naghtu kas li jigi jarak...Ghandi nahseb li huwa qieghed hawn ghal xi ftit granet.. forsi jigi hawn, ipacpac ftit, imbaghad jërga' jitlaq... sa dan it-tant, jien, ma nhalliehx jarani... nibqa' mistohbi fil-kamra tighi.

Hoss: (Tinstama' l-qampeina tal-bieb ta' barra)

Maria : (Imbazza') Il-qampiena!...

Adriano: (Kwazi itemtem) Iva... Il-... Qampiena...

Maria : Fejn sejjer?

Adriano: Nara minn gie...

Maria : Attent li ma jarakx... (Pawsa)

Adraiano Iva, hu kollu kemm hu.

Maria : Alla tighi!...

Hoss: ( Il-qampiena terga' tinstama iddoqq)

Rosina : (Il-boghod mill-Mike) Sinjuri.. gie xi hadd...Immur nifah?

Adriano: Stenna, Rosina... Ifhimni x'ser nghidlek... Jekk dak is-sinjur jistaqsik xi haga, lili, issemmini xejn.. Jien, m'inhix hawn... ma neziztix... fhimtni x'ghedtlek? Hawnhekk toqoghod biss is-sinjura. Mur issa... mur iftah..... Maria, jien sejjer fil-kamra tighi... fittex ehles minnu..

Maria : X'wahdadin!...

Adriano: Kuragg... Aqta fil-qasir.. Ghidlu li ghandek bzonn tohrog.

Hoss: (Passi jidbeghedu - bieb jinghalaq)

Rosina: Ghaddi, ghaddi, sinjur.

Hoss: (Zewg passi)

Guglielmi: Maria!... Sinjura Maria!...

Maria : L-ghodwa t-tajba, Guglielmi.

Guglielmi: Kieku taf x'ferh qed inhoss bhall-issa... Ili nfittcek hafna... Staqsejt ghalik lil kull min naf .. Hadd ma taghni ahbar tighek... Il-purtinara, fejn kont toqoghod qabel, qaltli li sifirt, imma li ma tafx fejn mort... issa, ghalgharrieda, .... ikolli nghid lid-destin ried jghini... Maria, possibbli li ma rajtnix meta ltqajna ftit ilu?

Maria : Jien? Sgur li ma rajtekx.

Guglielmi: Qed tiskantani... minghalija rajtek thares lejja fitt... Int kont ma' sinjorina u jien ghaddejt bil-karrozza... f'daqqa wahda, int eghebt... Li ma kienitx dik is-sinjorina li urietni fejn toqoghod, kieku tlifthek, meta jien kont mignun biex narak... biex noqoghod nitkellem ftit mighek.

Maria : Grazzi... int twajjeb hafna... imma, oqoghod bilqegheda.

Guglielmi: Ghidli, Maria, meta sifirt?

Maria : Ma domtx wisq... wara gimgha...

Guglielmi: Imma kif ma hallejtx risposta fejn kont sejra?

Maria : Riedt li hadd ma jkun jaf... Xtaqt li noqoghod wahdi.

Guglielmi: Ghandhek ragun... Iva, qieghed nifhmek... Allura anqas lili ma riedt turi fejn sejra?

Maria : (Imhawda) Lilek? Ma gitnix f'rashi....

Guglielmi: Maria, ghal dan in-nuqqas tighek qed jiddispjacini... imma, allura, ghalik jien ma nfisser xejn?

Maria : X'inti tghid, Guglielmi? Ghalija, int, habib antik.

Guglielmi: Hekku, il-kelma addattat... Habib antik... b'dan kollu, milli qed nara, dil-kelma, ghalik ma tfisser xejn.

Maria : Ahfirli.. X'tifsir trid ittiha dil-kelma?

Guglielmi: Maria!... Kemm ilna nafu lil xulxin?

Maria : Snin kbar... mindu konna tfal ckejknin.

Guglielmi: Hekku... mindu konna tfal... jien kont l-ikbar habib tighek.... ghadda z-zmien... int izzewwigt u allura jien, ghalik sirt habib... imbaghad rega' ghadda z-zmien u rgajna ltqajna u issa sirt il-habib antik tighek.

Maria : M'hix haga sabieha?

Gugliel: Iva, haga sabieha hafna, imma, ifhimni... din il-hbiberija hija l-istess bhal barriera li qegheda tifridna......Maria, qrajthom l-ittri tighi?

Maria : (Sorpriza) L-ittri tighek? Wahda... wahda biss ircevejt.

Gugliel: Wahda biss? Iva... nahseb li l-ohrajn baqghu ghand il-purtinara fejn kont toqoghod... Forsi, ahjar hekk... Fuq kollox, int tista' tahseb fuqiex ktibtlek... Ghid issew, Maria... kun sinciera qabel twigibni... Kien ikun ahjar li ma rgajtx rajtni?

Maria : Le, le... ninsab ferhana hafna li....

Gugliel: Ferhana? Possibbli? Taf li ghandi dubju?

Maria : U liema hu dan id-dubju?

Gugliel: Id-dubju li ftit ilu, meta ltqajna fit-triq, rajtni u ghal din ir-raguni int hrabt minni.

Maria : Le, intik il-kelma tighi li le... Ghaliex ghandhi naharbek?

Gugliel: Biex ma nkunx naf fejn toqoghod.... m'hux ghaliex lili ma tridx tarani, imma ghaliex ghadhek marbuta ma' l-imghoddi, mat-tifkiriet... ahfirli l-espressjoni... int ghadhek marbuta man-niket li sofrejt ftit ilu... Int ghadhek ma tridx tinfired minnu... Maria, int temmen fid-destin?

Maria : Jien? Ma nafx... qatt ma tajt kaz ta' dan.

Gugliel: Jien ma nemminx fieh, imma issa... ara ftit... Jien sifirt bla ~~ghax~~ ma ghamilt ebda programm... bla ebda skop... qieghed niggerra minn hawn ghal hinn... Id-destin wassalni f'dan il-pajjis ckejken li l-anqas biss kont naf li jezisti... Id-destin gaghalni nghaddi minn din it-triq, sewwa sew fil-hin li kont ghaddeja int... Kieku wasalt hames minuti qabel, jew wara, jien ma kontx niltaqa' mighek... Ghidli ftit, kif nista' issa, ma nemminx fid-destin?

Maria : Ismaghni, Guglielmi... Int tlabtni inkun sinciera.. Tajjeb... Jien hadt gost hafna biz-zjara li ghogbok taghmilli, imma issa nitolbok biex tkompli l-vjagg tighek u tfittixx li terga' tarani.

Gugliel: Imma ghaliex?

Maria : Ghaliex ga ghedtlek... Ghandhi bzonn noqoghod wahdi...Ghandhi bzonn ma nitkellem ma' hadd... Gejt hawnhekk apposta biex nidbieghed... biex nidbieghed minn kollox u minn kullhadd.

Gugliel: Imma...

Maria : Naf, x'ser tghidli... hemm bzonn li nderri... hemm bzonn li ninsa... naf, naf, dan huwa l-ahjar haga... Guglielmi, qegheda nitolbok daqskemm kieku qegheda nitlob vi favur lil xi habib tighi... Tinsistix nitolbok...

Gugliel: Imma kif? Trid li issa, wara li sibthek... Le, dak li qegheda titlobni huwa tad-dahq... Inkompli l-vjagg tighi? Ma narakx izjed! Oh, Maria... milli qed nara, int ghadhek ma fhimtnix jew biex nghid ahajr ma tridx tifhimni... Maria, taf xi tfisser ghalija din il-laqa' taghna? Le, le, kollox tista' titlobni, barra dak li tlabtni... Maria, tista' tghidli fejn nista' nsib xi lukanda f'dawn l-inhawi?

Maria : Iva, imma nahseb li ma taghmel xejn... ma jirnexxilekx issib post... il-lukandi bahll-issa kollha jinsabu mimlija.

Gugliel: Kamra jirnexxili nsib sgur, ikun fejn ikun, kullimkien jghodd ghalija... Ghidli, liema hi l-ahjar lukanda li hawn?

Maria : (Nervuza) Sewwa, sew, ma nafx... Il-Miramare nahseb li hija l-ahjar wahda, imma jien nghidlek li tista' ma tmur xejn... din mimlija wkoll.

Gugliel: Halli f'idejja... x'imkien nsib sgur... Lukanda, pensjoni... basta ndahhal rasi x'imkien... L-ahjar li naghmel, immur infittex issa stess... Il-karrozza, hallejtha f'nofs it-triq jien nerga' nghaddi biex nghidlek jekk sibtx post jew le. A rivederci, Maria....

Maria : Stenna, Guglielmi...

Gugliel: X'gara?

Maria : Ismaghni, Guglielmi... Ahjar nitkelmu car... Bejnietna hemm xi haga li ahjar ncarawha.

Guglielmi U din ix-xi haga?... M'inhix nifhmek.

Maria : Int qed tifhimni tajjeb u ghalhekk ahjar nitkelmu car... Guglielmi, ahna ilna nafu lil xulxin mindu konna zghar, imbaghad, meta ma rajniex lil xulxin izjed, int sirt bniedem mportanti u jien sirt il-mara ta' ragel impiegat... Bla dubju, meta rgajt rajtni wara dak iz-zmien kollu, Ghaddielek xi hsieb ghalija, imma meta rajt li jien bqajt indifferenti, int hassart il-hsieb u jkkuntentajt bil-hbiberija....

Guglielmi Imma, skuzi, sinjura....

Maria : Le, le, hallini nkompli... Imbaghad, wara zmien gara dak li gara u int gejt ittini l-ghomor... Baghattli kuruna mill-isbah, ktibtli ittra li tikser il-qlub... F'dak il-hin, f'qalbek, x'aktarx li ghedt: "Issa Maria tinsab armla.. hielsa... Wahidha.. sid taghha in-nifisha..." Ghaziz Guglielmi, jiddispjacini nghidlek li mort imqarraq..nitolbok li din id-darba tikkuntenta ukoll bil-hbiberija... Isma minni... kompli jl-vjagg tighek u lili hallini fil-paci... Jiswa lilek u lili.

Guglielmi Spiccajt?

Maria: Iva.

Gugliel: Nista' nitkellem jien, issa?

Maria : Iva, imma ma nafx jekk....

Gugliel: Ftit ilu ghedtli li bejnietna hemm xi haga li hemm bzonn incarawha u ghalhekk nitolbok tahfirli jekk ser nitkellem car jien ukoll... sal-lum dak li ser nghidlek qatt ma stajt nghidulhek imma l-lum....

Maria : Tkellem, kompli....

Gugliel: Xi darba, irrid nigi narak u dak inhar, irrid nistaqsik jekk ghandekx pjacir bija... jekk tridx tkun is-siehba tighi.

Maria : Kif? X'igifieri? Ma fhimtekx.

Gugliel: Maria, jien ninsab wahdi... Int wahdek ukoll... Ma nistax infissrlek kemm inkun ferhan jekk int tilqa' imhabbti.

Maria : Imhabbtek!... Imma x'inti tghid? Trid ticcajta!... Mà jistax ikun.

Gugliel: U ghaliex ma jistax ikun?

Maria : Ghaliex... ghaliex hija haga tad-dahq...

Gugliel: Tad-dahq? Imma, skuzi, Maria... F'dak li ghedtlek ma nara li hemm xejn tad-dahq... Jiena nhobbok.. qed nitolbok biex nizzewgu... Nifhem li forsi ghadu kmieni biex inkellmek fuq dan... dan ghamiltu ghaliex int tlabtni biex nitkellmu car... M'inhix nistenna it-twigiba tighek il-lum... Ghalija bizzejjed li tkun taf is-sentimenti tighi.. Tibzax, m'ghandekx ghaggla.. Ahsiba kemm trid.

Maria : Le, le... ghalxejn tistenna... ma jistax jkun.

Gugliel: Imma ghaliex? Forsi hemm haddiehor bejnietna?

Maria : Le, le... m'hemm hadd... Int ma fhimtnix.. Riedt nghid li jien ma nistax... m'ghandix volontà.. Din hija r-raguni... Ma jrridx li nerga' nizzewweg.

Gugliel: Kif tista' tghid haga bhal din? Iva, bhall-issa, il-hsieb ta' zwieg, f'ghajnejk, jidher bhal haga fierha... Maria, biz-zmien, int tara li....

Maria : Le, le, iz-zmien m'ghandux x'jaqsam.. Iz-zmien ma jistax jibdel fehemti... Nista' nghidlek li dak li qed titlobni, huwa haga li ma tistax issehh.

Guglielmi Hemm xi jmpediment? Xi raguni ohra?

Maria : Ebda mpediment... Ir-raguni ghedtielek... Jien, ma jrridx nerga' nizzewweg.

Gugleil: Ghalhekk biss?

Maria : Iva, ghalhekk biss.

Gugliel: Allura trid tibqa wahdek?

Maria : Wahdi, iva, wahdi.

Gugliel: Gha hajthek kollha?

Maria : Iva, ghal hajthi kollha.

Guglielmi Ghal mument, ~~xaxxaxxkixhajnixtax~~ ninsew li bejnietna kelna din it-tahdida... Qisna ma tkellimna xejn feuq dan... Qisni m'ghedtlek xejn... Li ma wigibtni xejn... Jekk xi darba tkun tixtieq li nergghu nidhaddtu fuq dan, allura nitkellmu daqskemmkieku sejrin nitkelmu fuq das-suggett ghall-ewwel darba... Tajjeb hekk?

Maria : Iva.

Gugliel: Issa, ser inhallik.. Iz-zjara tighi kienet twila.. Nerga' nghaddi narak izjed tard... Le, le, Maria... ma nitkelmux izjed fuq zwieg... Nitkellmu biss bhala zewgt-ihbieb li m'ghandhom xejn x'jghidu mportanti... A rivederci....

Hoss: (Passi - ~~xkxxkxxjkxxgkxxkxxq~~) Pawsa:

Hoss: ( Bieb jinfetah bis-salt)

Adriano: Maria, telaq???

Maria : Iva...telaq...

Adriano: Sa fl-ahhar.... X'qallek, Maria? Ghidli x'qallek.

Maria : (Biex tehles minnu) Xejn, xejn..

Adriano: Kif xejn? Ma tkellimtux fuq xi haga?

Maria : Ma nafx... ma niftakarx.

Hoss: (Passi resqin)

Gugliel: Ahfirli, Maria... Hrigt mill-kancell u billi hemm tliet triqat, ma gharaftx liema ghandiniehu ghat-triq principali..

Maria : (Ikkonfonduta) L-ewwel wahda.. l-ewwel wahda fuq il-lemin..

Gugliel: Nirringrazzjak... nerga nizkuza ruhi... (Imbazza) Qieghed nara sewwa??? (B'ghajta ta' biza) Lari!!!....

Adriano: Le, le... Jien... Jien huwa hija... riedt nghid, jien hu l-imsejken Lari.

Gugleil: Huh???

Maria : Iva!

Gugleil: (Skantat) Possibbli? Haga li ma titwemminx... Ma jintgharfux wiehed mill-iehor...

Adriano: Ghandek ragun... kullhadd hekk jghidilna.

Gugliel: Emminni... il-qatgha li tajtni ma ninsiha qatt... Kif dhalt f'din il-kamra ma ntbahtx bik mill-ewwel, imbaghad meta dort biex nohrog, kif ilmahtek, hsiebtni li qed nara xi fantasma... Ahfirli, ma kontx naf bik... Ghidli, jaqaw int u huk kontu tewmin?

Adriano: (Imfixkel) Iva... kwazi...

Gugliel: Qed niehu gost li sirt nafek... Jiena Guglielmi....

Adriano: (Konfus) Ghandi pjacir...

Gugliel: Huk kien wiehed mill-akbar hbieb li kelli... Ix-xoghol tighu; fl-ufficcju tighi, kien mill-ahjar.... kont inhobbu bhal hija.

Adriano: Nirringrazzjak...

Gugliel: Imma, ara, issa li qed narak sewwa, qed nosserva li hemm xi ftit tad-differenza bejnietkhom... lehnek huwa differenti ghal kollox minn ta huk... Ghajnejk... Maria, jidhirli li ghajnejn ir-ragel tighek kienu izjed cari, m'hux tassew?

Maria : (Nervuza) Iva, iva... izjed cari.. izjed cari...

Gugleil: Iva, iva... meta thares lejk sewwa tara li hemm ftit differenza... Imniehrek huwa l-istess tighu u ma' l-ewwel daqqa t'ghajn ma tghidx li m'inthix Adriano.

Adriano: Ha.. ha... Allura ghadek kemm wasalt minn xi vjagg?

Gugliel: Iva u billi sirt naf lis-sinjura Maria tinsab hawn, gejt naraha.

Adriano: U ser titlaq hekk malajr?

Gugliel: Le, nghidlek issew, ghamilt il-hsieb li noqoghod ftit iehor jekk jirnexxili nsib xi kamra... Is-sinjura qaltli bil Miramar... ahjar inhaffef forsi nilhaq xi kamra... Maria, it-triq, ghedtli, l-ewwel wahda fuq il-lemin, hux veru?

Maria : Iva, l-ewwel wahda.

Gugliel: Niltaqghu izjed tard... A rivederci.

Hoss: (Passi jidbeghedu) Pawsa

Adriano: (Bi dbissima) Ma morniex hazin... emmen kull ma ghedtlu.

Maria : (Bhal wahda esawrita) Alla tighi!

Adriano: Irrid nkun sgur li telaq... ma jrridx li jerga' jidhol fuqna ghalgharrieda... Maria, ghid issew, bzajt xejn?

Maria : Sgur li bzajt.

Adriano: Jien... x'hin ilmahtu fuq il-bieb, hassejt demmi jingazza... X'deherlek, eh? Sab id-differenza bejnietna.. Lehni m'hux dak ta' Adriano... Ghajnejja izjed cari....

Maria : (Tidhaq sfurzat) Tassew, x'kull-wahda!...

Adriano: Kieku baqa' hawn ftit iehor, kien jghid li ma nixxibhu xejn.

Maria : Adriano, kieku ntebah bil-verità, konna nsibu ruhna fil-periklu.

Adriano: X'igifieri? Li jien huwa hija? Le, le... qatt ma jista' jintebah... Kif jista' biss joholmu dan? Wara kollox, huwa ma kienx ilu jafni wisq u anqas ma konna niltaqghu tant spiss... Smajtu x'qal? Qal li jien kont l-akbar habib tighu... Li kien jirrispettani... Nghid issew, jien b'dan ir-rispett qatt ma kont intbaht... Meta kont immur fl-ufficcju tighu, bilkemm kien jhares lejja... Sgur lix-xoghol tighi kien mill-ahjar... m'hux ghax irrid nilmenta minnu, huwa dejjem mexa mighi tajjeb... Taghni promozjoni... Taghni kummissjoni barra mis-salarju... dan, ghax kien jimmeritani... Tiftakar xi gmiel ta' kuruna kien baghtli ghal funeral tighi?... Maria, taf x'jiena nghidlek? Mighek qieghed nitkellem.

Maria : Ahfirli, kont qegheda nahseb f'hag'ohra.

Adriano: Qed narak li m'inthix mohhok fija... Isa, Maria, insa kollox.. Wiccek jidhfer isfar... qegheda titrieghed... M'ghandekx ghax tahseb izjed ... il-periklu ghadda, ghaziza kunjata tighi.... Tridx nisfnu zifna?

Maria : Le, le, bhall-issa qed inhossni sturduta.

Adriano: U jien bhall-issa q ed nahseb li Adriano tassew jinsab mejjet... Temmen li x'imdaqqiet, meta nhares lejn il-mera, nahseb li jien tassew xi haddiehor? Qabel kelli wicc ta' wiehed imdejjaq, issa bil-maqlub, inhossni ferhan... Taf xejn li int ukoll imbdilt?

Maria : Jien?

Adriano: Iva, int sirt izjed sabieha.. izjed helwa...

Maria : X'inti tghid? Jien dejjem l-istess... Forsi ghax bhall-issa izjed qegheda naghti kaz tighi n-nifshi.

Adriano: Le, ma fhimtx x'irrid nghidlek... Ftit diffcli biex infisser ruhi... Fik qed nara xi haga li m'hix tassoltu... Xi haga ferrieha.. Ara, biex tifhimni ahjar.. dik il-libsa, qabel, meta kont tilbisha, kont tidher bhal wahda traskurata, ~~xx~~ qishek m'ghandek aptit ta' xejn... issa, ma nafx ghaliex, id-drapp ukoll jidher izjed fin .. b'dan kollu, int ghadhek l-istess... l-istess libsa... X'ifisser dan?

Maria : (Imhawda) Ma nafx... ma nistax nifhmek... Kliemek, x'imdaqqiet huwa stramb hafna.

Adriano: Maria! Ersaq l-hawn.

Maria : ~~xxxxxxxxxxxxxx~~ Xi trid?

Adriano: Taf xejn li qed ninnamra minn marti?

Maria : (Tidhaq) Tassew? Allura, qabel....

Adriano: M'ghandux x'jaqsam, Maria... m'ghandniex x'inghidu, qabel ukoll... riedt nghid li bhall-issa, qed ninnamra mill-gdid. irrid donni niehu post haddiehor.

Maria : Post min?

Adriano: Post dak il-minghul ta' Adriano.

Maria : Imma kemm tghid hmerijiet ?

Adriano: Le,le, m'hux hmerijiet... Jien irrid ingaghalhek tinsa... Adriano, il-lum, ifisser l-imghoddi... ifisser dwejjaq, mizerja... Meta jien kont ghadni haj, int ma stajtx tghix ferhana... Imsejkna Maria... Jien kont nafu dan, imma xi stajt maghmel? X'imdaqqiet, kont inhoss l-int qegheda bilfors mighi...

Maria : Bilfors? X'inti tghid, Adriano?

Adriano: Int kellhek ragun... din, haga li thossha kull mara... Int kont tara nisa ohra sinjuri izjed minnhek... nisa ohra li kellhom minn kollox, waqt l-int ma kellhek xejn... Ghadni niftakar, meta kienu jrregalawni dawk iz-zewg pultruni ghall-opra... Int bdejt thares madwarek avviluta... umiljata... imbaghad meta hrigna, kienet ix-xita u ahna kelna jmmorru d-dar bil-mixi, waqt li nisa ohra kellhom il-karrozza tistennihom fil-bieb tat-teatru... Dak inhar, int, m'ghedtli xejn, bdejt thares lejja u tidbissem biex forsi tpatti ghal dawk il-hsibijiet li f'dak il-hin bdew iqanqluk kontra tighi.

Hoss: (Tliet tahbitiet irqaq fuq bieb)

38.

Rosina : Nista' nghaddi?

Adriano : Ghaddi, ghaddi, Rosina.

Rosina : Baghtu dawn il-fjuri, sinjura.

Adriano : Xi gmiel ta' fjuri...

Maria : Imma, Rosina, jien ghad baqaghli fjuri...

Rosina : Iva, sinjura, dawn lilhek baghtuhom.

39.

Maria : Ghalija?

Rosina : Iva... Baghthomlhok dak is-sinjur... Hekku l-biljett.

(Adriano, sorpriz, jibqa' jhares lejn Maria li bhal bdiet tinsab inkwieta ghal kollox)

Maria : Grazzi, Rosina.

Rosina : Hejra nkompli, sinjura... jekk jkollhok bzonni, sejjahli.

Maria : Tajjeb, Rosina.

Hoss: (Passi jidbeghedu)

Adriano : Allura, dawn il-fjuri, hu baghthomlhok, Maria?

Maria : Nahseb li hu.

Adriano : Imma ghaliex? Gha ni ma nistax nifhem ir-raguni...

Maria : M'hemm ebda raguni... Ried ikun mighi gentili.

Adriano : Tajjeb, imma issa jidhirli li qed jesagera... Wasal f'dan

: ir-rahal... gie biexjarak... telaq... issa baghatlhek dawk il-fjuri kollha... Ghaliex? Tista' tghidli ghaliex?

Maria : (Nervuza) Ghalxejn.. Ma nara xejn zejjed li sinjur jibaght ftit fjuri lil wahda sinjura.

Adriano: Ftit fjuri, dawk il-fjuri kollha... ghandhek mejda mimlija? Jien nghid li das-sinjur iffissat fil-fjuri... Meta miett jien, fjuri... meta jara lilhek, fjuri....

Maria : Ma nistax nifhem ghaliex qed taghti din l-importanza kollha ghal dal-kumpliment ckejken.

Adriano: Kumpliment ckejken?

Maria : ~~Xxazxftixxxix~~ Iva.... Ftit ilu, kont qrd issemmi lil Adriano... kont qed tghid fuq l-imghoddi... din ta' issa, skuzani... turi l-mentalità tighek.

Adriano: X'igifeiri?

Maria : Igifieri li l-idea li l-fjuri ghandhom jimbaghtu biss f'xi okkazjoni ta' zwieg jew ta' mewt hija falza... Il-fjuri jistghu jimbaghtu ukoll bla ebda skop... bil-hsieb ta kortesija.

Adriano: Allura, ghalik, li wiehed jibaghtlek il-fjuri ma jfisser xejn.

Maria : Xejn... Adriano, ghamilli pjacir, newwilli dak il-vazun li h hemm fuq dik it-tavolina.

Adriano: Dan?

Maria : Iva... imma, ahjar iggib l-iehor ukoll.

Hoss: (Vazuni)

Adriano: Allura issa, ghandi jerga' jigi?

Maria : Min?

Adriano: Hu... Guglielmi.

Maria : Le... ma nahsibx.

Adriano: Jien nghid li jerga' jigi... Ma smajtux x'qal? "Niltaqghu izjed tard... A rivederci"..... Imma, x'gej jaghmel hawn?

Maria : Ma nafx... Forsi jixtieq jerga' jzurna.

Adriano: M'ghadux kemm kien hawn?

Maria : Iva... Imma, jien xi htija ghandhi? Ghaliex qed taghmillhi dal-mistoqsijiet?

Adriano: Biex nara jekk dan jfissirx xi h ga ghalik... Jien, bhal m'ghedtlek ftit ilu... Ghandi l-mentalità ta' Adriano... Maria, ifhimni tajjeb... Dil-hbiberija li nibtet hekk f'daqqa bejniet khom....din l-intimità....

Maria : U fejn hi din l-intimità? Forsi jrid jerga' jigi biex jghidilna jekk sabx xi kamra fil-lukanda, Miramar...

Adriano: Eh!... Iva... Il-Miramar... Allura int hajjartu biex jmur jfittex kamra fil-Miramar.?

Maria : Iva. Sraqsieni liema hi l-ahjar lukanda... Ghaliex? Ghamilt hazin?... Jaqaw ma kellhix nghidlu?

Adriano: Le, le, anzi ghamilt tajjeb hafna... Allura behsiebu jibda' hawn ghal xi ftit taz-zmien?

Maria : (Irritata) Ma nafx... Ma nafx... Ghaliexqed tistaqsi lili? Kif tridni inkun nafu dan?

Adriano: Ikkalma... Ikkalma.... Hsiebt li qallhek xi haga hu... X'ghandhek, Maria? Jaqaw qed thosshok xi ftit nervuza?

Maria : X'jidhirlek, dal-mistoqsijiet kollha? Bhall-issa, qed nisthajjilna ghaddejja x'inkiesta

Adriano: U x'inkiesta, inkiesta.... jien qed nistaqshik, hekk, ghal kurzità... Ara, ejja nidhaddtu fuq xi hag'ohra. Tridni nghinhek tirranghom dawk il-fjuri?

Maria : Ma jimpurtax... Jekk trid taghti dal fjuri qodma lil Rosina...

Adriano: Rosina!.... (Pawsa)

Rosina : Sejjahtli, sinjur?

Adriano: Iva. . ara hawn dawn il-fjuri.

Rosina : X'naghmel bihom, sinjur?

Adriano: Ma nafx... Xi tridha taghmel bihom, Maria?

Maria : Tgharmihom... tgharmihom... M'inthix tara li dawk fjuri midbiela?

Adriano: Smajtha x'qaltlek, armihom.

Rosina : Tajjeb.

Hoss: (Passi jidbeghedu)

Adriano Maria, trid immorru naghmlu zewg passi?

Maria : Le, le... m'ghandhix aptit nimxi.

Adriano: Tajjeb, allura noqoghodu fit-terrazzin ghal frisk.

Maria : Ghal frisk meta hemm xemx taqli?

Adriano: U fejn qed tarahs x-xemx? M'inthix tara li bhall-issa mohbija?

Maria : Iva, naf... imma s-shana qegheda hemm xorta wahda.

Adriano: Allura, x'ser naghmlu?

Maria : (Irrabjata) Xejn! Xejn! Ma nistghux noqoghodu ghal ftit ma naghmlu xejn? Jekk trid tohrog, mur ghamel zewg passi... Hemm bzonn nigi jien, bilfors?

Adriano: Le, le... hsiebt li.... isma... tista' tghidli x'ghandhek?

Maria : M'ghandhi xejn... Ghandhi bzonn noqoghod ftit fil-kwiet.

Adriano: Emminni, ma nistax nifhmek... Il-lum, donnhok m'inthix f'sikkthek.. Ghidli xi gralhek.

Maria : Ga ghedtlek... ma gralhi xejn... Inhossni bil-buli... Il-qaghada li ninsabu fieha... Il-biza li ghad xi darba ninqabdu... Ilna xahar nghix f'dal-biza... in-nervi wkoll jiddejqu.

Adriano: Imma, skuzi, Maria... X'ghandu x'jaqsam dan li qed tghid? S'issa....

Maria : (Taqtaghlu kliemu) Iva, s'issa flaht nissaporti... imma issa... issa, bizzejjed.. issa ghejjejt ... xbajt ghal kollox... Il-parti li qed ikollhi naghmel.... Dil-hajja mohbija... l-attenzjoni li irrid naghmel meta nitkellem... Il-ghali li jrrid nuri ghal dak li jiena ma tliftx... Il-vistu li jrrid nilbes ghal zewgi li ghadu haj mimli bil-ghomor... Iva... dawn, qed joqtluni bil-mod, il-mod... is-sahha tal-bniedem ukoll ghandha l-limiti taghha... Issa bizzejjed... Ma niflahx aktar.

Adriano: Tghajjatx, Maria... nitolbok... Ghidli xi tridni naghmel.

Maria : Ma nafx ... Ma nafx...Nispiccawha... Ma jrridx nissokta izjed f'dil-hajja.. Ma jrridx nidher izjed bhala mara armla.. imdejqa... Kulhadd jghidli li jehtieg li nderri... li ninsa... Iva, issa xbajt... Irrid nderri... Irrid ninsa... X'jistghu jghidu? Jghidu li nsejt malajr... ma jimpurtax... Kullhadd jghid u jahseb li jrid... Ma jrridx naf izjed b'tifkiriet... b'niket u vistu .. Jiena wkoll ghandhi d-dritt li nghix il-hajja tighi... Qabel ghemt fil-mizerja... Issa, qed nghix fil gideb... fil-qerq... Ghalli gej... minjaf.... Alla tighi!.... Inhossni sejra niggennen ....

Adriano: Ikkalma, Maria, ikkalma.... Il-lum, xejn m'int tirraguna.

Maria : M'inhix nirraguna? M'inhix nirraguna? Possibbli li m'inthix tintebah li issa bdejt nirraguna, jien ? Int le... Int qed tghix b'ghajnejk maghluqa ... Ghalik, kollox huwa hafif... imma jien, issa, ftaht ghajnejja.. issa bdejt nara.. bdejt nifhem....

Adriano: Fisser ruhek... Ghidli x'inti tara u x'inti tifhem.

Maria : Xejn, xejn... Ghandek ragun... Kliem fierah... Ma nafx x'jiena nghid... Taghtix kaz tighi.

Hoss: ( Il-qampiena tal-bieb ta' barra)

Adriano, gie minn gie, ghidlu li ghandhi ugigh ta' ras... li ma niflahx... ghidlu dak li jigi f'rashek....m'ghandhix aptit nitkellem.. M'ghandhi aptit nara lil hadd.

Hoss: (Passi - bieb jinghalaq) Pawsa:

Pawlina: Ahna hawn... Wassaltu jien . kien ser jintilef f'dal-hafna toroq li hawn madwarna... Fejn hi Maria, ~~Adriano~~? Roberto?

Adriano: Pawlina, Maria ma thosshiex fieha...

Pawlina: X'ghandha? Xi gralha?

Adriano: Ghandha ugieh ta' ras.

Gugliel: Tassew? Qed jiddispjacini.

Adriano: Nitolbok tiskuzaha.

Pawlina: Nista' nidhol inselmilha?

Adriano: Le... Ifhimni, sinjorina.. Nahseb li ahjar....

Pawlina: Maria, mighi, ma tuzax kumplimenti... Jekk m'ghandhiex aptiti, malajr tibaghtni l-barra.. Fil-kamra taghha qegheda?

Adriano: (Ikkonfondut) Nahseb...

Pawlina: Halli mmur haraha....

Hoss: (Passi jidbeghedu- bieb jinfetah u jinghalaq)

Adriano: Allura, sinjur, sibt xi kamra l-Miramar?

Guglielmi Iva... b'kumbinazzjoni kbira... Tawni kamra ta' wiehed li kellu jitlaq malajr.

Adriano: Qieghed niehu gost... Behsiebek i dum, hawn?

Gugleil: Ma nafx.. Ghadni ma d-decidejtx... Forsi noqoghod xi ftit granet ... gimgha... skond kif insib ruhi... u int? Ilek hawn hafna?

Adriano: Kwazi xahar.

Gugleil: Gejt ma' Maria?

Adriano: Iva... ma' Maria.

Gugliel: Hawnhekk, ghandkhom sabieh hafna ... Nahseb li ghandkhom il-kwiet, hux tassew?

Adriano: Iva... Jekk wiehed ikun jrid, jista' jghaddi gimghat shah bla ma jkellem lil hadd.

Gugleil: Pajjiz grazzjus hafna... Kif thajjartu tigu hawn?

Adriano: B'kumbinazzjoni... Konna qed infittxu post ghal kwiet... Wasalna hawn u Maria ghogobha mill-ewwel...... (Pawsa)

Noffrilek Vermouth?

Gugliel: Skuzi?

Adriano: ~~xxxxxxx~~ Offrejtlek Vermouth.

Gugliel: Grazzi... gentili hafna.

Hoss: ( Bikkerini - Jinstemgha jferrah)

Allura, int kont li hajjartha issiefer?

Adriano: Iva, miskina... taf int.....

Gugliel: Ghamilt sewwa... F'kazijiet bhal dawn, ma tkunx tista' taghmel ahjar... issiefer... tibdel il-hajja tassoltu.. tara wcuh godda... Nahseb li ma tantx kienet haga hafifa biex qaltlek iva.

Adriano: Nitolbok li ma tfakkarnix. (Pawsa ohra)

Guglielmi Maria, issa, tidher m'hux hazin... Wicca jidher ahjar... donna stabret xi ftit... L-ahhar li rajtha, meta gratilha dik id-disgrazzja, nghidlek issew, gibitli hniena... Imsejkna Mariolina....

Adriano: (Sorpriz) Mariolina?

Gugliel: Qabel, hekk kont insejhilha.

Adriano: (Dejjem sorpriz) Qabel? Qabel, meta???

Gugliel: Meta konna tfal... Lili, kienet issejjahli Cesaroni u jien, Mariolina ... Konna hbieb tal-qalb u ma nisthix/ nghidlek, bejnietna kelna ukoll xi xxxxxxxxxxxxxxxxxxx grajja ckejkna....

Adriano: Grajja? Tassew???

Gugliel: Oh!... Grajja safja... Ta tfal li konna... Maria, kien ghad kellha ghaxar snin... jien, kelli erbatax il-sena... Imma kif M'inhix nemmnek li Maria qatt ma qaltlek xejn.

Adriano: Le... qatt ma qaltli xejn... intik il-kelma tighi... kompli, kompli... niehu gost hafna nisma fuq grajjiet zghar...

Gugliel: Wisq ftit hemm x'inghidlek... il-grajja taghna grat waqt li konna villeggatura... konna iltqajna wara hafna zmien..... Imbaghad kbirna... Maria izzewget u jien, meta sirt naf b'dan iz-zwieg, bdejt ninteressa ruhi biex insib xi post m'hux hazin lil zewga...

Adriano: Post? Post m'hux hazin?

Gugliel: Iva. Zewga kellu post, b'salarju mizeru hafna... meta rajt hekk, dahhaltu skrivan mighi.

Adriano: (Milqut minn dal-kliem) Ah!... Allura int dahhaltu mighek ghaliexkont taf lil Maria... Adriano ma kien jaf xejn b'dan?

Gugliel: X'igifieri xejn?

Adriano: Igifieri, b'Cesarone u Mariolina... b'dik il-grajja ckejkna.

Gugliel: Nahseb li Maria kienet qaltlu xi haga.

Adriano: Le, le, Maria ma qaltlu xejn.

Gugliel: Imma int sgur minn dan?

Adriano: La darba dan qed nghidulek jien? Trid li jien ma nkunx naf?

Gugliel: Forsi ma qaltlux biex tkun prudenti... Taf int kif inhuma l-irgiel mizzewga... suspetti wahidhom... Kieku huwa kien jaf...

Adriano: Ntik il-kelma tighi li m a kien jaf xejn.

Gugleil: Nahseb li kif qed tghid int... tant hu hekk li meta konna immorru xi kuncert...

Adriano: Kif? Maria kienet tigi mighek ghal kuncerti?

Gugliel: Ma tafx li hija thobb hafna l-muzika... Iva, x'imdaqqiet konna morru flimkien... Isma niftehemu, ahna konna mmorru minhabba l-muzika... Miskina... ~~xxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxx xxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxx~~ klassika kienet id-divertiment taghha ... Huk, bil-maqlub, kien jhobb jisma biss it-trombi.

Adriano: It-trombi!!!....

Gugliel: Hekk, ghall-inqas, kienet tghidli... Ghidli jista' jkollok gost izjed barbari minn dawn? It-trombi!.. Il-hdud kollha huk kien johodha tisma l-banda....

Adriano: Imma la darba dawn it-trombi jigu mdahhla fil-muzika, ma jidhirlekx li hemm min jiehu gost bihom?

Gugliel: Sgur, sgur... imma gib quddiem ghajnejk din l-imsejkna mara. X'imdaqqiet kont noffrilha xi biljetti ghat-teatru... Qatt ma giet.. minjaf... forsi kienet tghidlù li dawk il-biljetti kont inkun tajthomlha jien u allura hu kien jghidilha biex tirrofthom...Darba biss irnexxieli ngaghala tigi mighi ghall-opra.

Adriano: Ah! Int kont?

Gugliel: Iva, ghaliex? Kienet qaltlek?

Adriano: Kienet semmietli xi haga fuq, fuq... (Pawsa)

Gugliel: Allura, int, lil kunjata taraha spiss?

ADRIANO: Jien??? Iva, kulljum.

Gugliel: Qed tiskantani... Qatt ma semmietli xejn.

Adriano: Anqas lili... lilek,qatt ma semmietek mighi.

Gugliel: M'ghandniex x'inghidu .. Int huwa hu r-ragel taghha .. Forsi dil-hbiberija taghna,lilek, ma kienitx toghogbok.

Adriano: Imma, allura, tassew li bejnietkhom kien hemm dil-hbiberija?

Gugliel: Iva... isma, niftehemu ahjar... Il-hbiberija taghna kienet hbiberija safja... Hbiberija li ghandha x'taqsam ma' l-arti. mal-kotba... mal-muzika... hbiberija li fieha hija kienet issib dak kollu li f'darha kienet nieqsa minnu.

Adriano: Imma, f'darha x'kien jonqosha?

Gugliel: Ifhimni ftit... Huk kien bniedem bravu.. wiehed mill-ahjar impiegati li kelli... kien intelligenti, imma dejjem impiegat, hux veru? Ghalhekk il-mentalità tighu kienet dik ta' impiegat... Ghal mara, bhal ma hi Maria, kien jixirqilha xi haga ahjar... tifhimni int, hux tassew?

Adriano: Nghidlek issew, ghandi ma fhimt xejn.

Gugliel: Ma nafx kif nibda infisser ruhi... Nahseb li hük ma kellux l-istess ideat ta' Maria... taf int... il-hajja taghhom kienet kienet bil-qies . hajja ta' cahda ...

Adriano: U dan kienet tghidulek Maria?

Gugliel: Le, le... Maria qatt ma qaltli xejn.. Dan, kont nahsbu jien, tant hu hekk li jien kont naghmel mill-ahjar biex nghinhom... nghidlek issew ~~ghamikk~~ minhabba fieh, ghamilt xi ingustizzja ukoll... Lil Adriano kont tajtu promozjoni li fl-idea tighi ma kienitx tmiss lilu.

Adriano: U dan kollu, int, ghamiltu ghal Maria.

Gugliel: Iva. (Pawsa)

Xi gralek? Jaqaw ma tiflahx?

Adriano: Le, le, m'ghandi xejn... Is-shana!... Is-shana li hawn f'dil-kamra inhossa qed taqtaghli nifsi.

Gugleil: Is-shana??? Ma jidhirlix... jien kwazi qed inhoss il-bard.

Adriano: Int ghandek ragun... Kien bniedem idjota.

Gugliel: Min?

Adriano: Hija.

Gugliel: Dan, qat m'ghedtu jien.

Adriano: Qieghed nghidu jien... Hija, biex fl-ufficcju kellu dik ir-responsabbiltà... biex jara lil martu tiffrekwenta t-teatru... biex jaraha dgawdi ~~xxxxxxxxxx~~.certa hbiberija...

Gugliel: Le! Tghidx hekk... Maria kienet u ghadha mara ezemplari... Ma tista' tghid xejn fieha.

Adriano: Mara ezemplari!... Wigibni ftit... Jekk int stess ghadek kemm ghedtli li hija ~~kxkkka~~ mal hbieb kienet issib dak li kienet imcahda minnu f'darha....

Gugliel: Imma, skuzi... Ghaliex qed tishon daqshekk?

Adriano: Jien, nishon? Le, le, m'inhix nish on... Ghidli, jidhirlek li huwa sewwa... Povru ragel.. F'daqqa wahda isir jaf dan kollu u int trid li jiehu din l-ahbar bic-cajt... bil-kalma.

Gugliel: M'hemmx ghalfejn tinkwieta ruhek daqshekk...

Adriano: Min qed jinkwieta ruhu... Bhala huh... bhala l-kunjatu....

Gugleil: Daqshekk hu...Jidhirli li bhala huh... bhala l-kunjatu, tista' tghini hafna.. Tista' tifhimni ahjar.. Ghalija, int, tahsiba xort}ohra minn Adriano... N ahseb l-int ghandek mentalità ohra.. Tidhe izjed intelligenti... izjed modern... Iva, int tista' tifhem ahjar certi hwejjeg psikologici.

Adriano: Le, sinjur... hawn ma jittrattax minn hwejjeg psikologici... hawn ghandna l-fatti... ghandha l-poezija.

Gugleil: U jekk huwa kif qed tahseb int?

Adriano: X'igifieri?

Gugliel: Ifhìmni, Maria hija mara armla... Hija tista' taghmel b' hajjitha dak li trid, bla ma hadd jindahlilha... ghall-inqas, hekk ghandi nahseb, m'hux hekk?

Adriano: Sgur, sgur...

Gugliel: Nista' nkik il-kelma tighi li sakemm huk kien ghadu haj, qatt ma kien hemm xejn... qatt kelma ... qatt hsieb ta' Maria li setgha iweggaghlu qalbu.

Adriano: Sakemm kien ghadu haj!... Imma issa? Issa li jinsab mejjet?

Adriano: Ara... mighek nista' nkun sincier, anzi hemm bzonn li niftah qalbi mighek... Int huwa l-kunjatu... Bhall-issa, int qed tiehu hsiebha.. hsieb il-gejjieni taghha, m'hux hekk? Nahseb li ma jimpurtax ghax qed naghmillek dil-mistoqsija...

Adriano: Xejn, xejn... kompli, kompli...

Gugliel: Tajjeb. Ghal Maria dejjem kelli sentimenti ta' hbiberija... Dawn is-sentimenti kull ma jmorru qeghdin aktar jikbru... issa ntbaht li dawn la jistghu jimbidlu u anqas jonqsu... Nahseb li fhimt x'irrid infisser, hux tassew?

Adriano: Le?

Gugliel: Nitkelmu aktar car... Iddecidejt li nizzewwigha!

Adriano: Kif??? Tizzewwigha???

Gugliel: Iva... Ftit ilu, waqt li kont qed nitkellem ma' Maria, kelli nuriha bil-hsieb tighi.

Adriano: U din x'wigbitek?

Gugleil: Qaltli li ma jistax ikun... li ma tridx...

Adriano: Nahseb li ghandha ragun.

Gugliel: Sewwa qed tghid... It-talba tighi ghamiltiela kmieni wisq... b'dan kollu m'ghandix qalbi maqtugha... biz-zmien, nittama li jirnexxili.. l-aktar issa, li ghamilt habib mighek.

Adriano: X'igifieri?

Gugleil: Igifieri issa, jiena nista' norbot fuq il-hbiberija u l-ghajnuna tighek.

Adriano: Kif??? L-ghajnuna tighi???

Gugleil: Iva, hadd ma jista' jghini aktar minnek... Bi kliemek int tista' tipperswadiha.

Adriano: Imma x'inti tghid? Jien??? Jien, ngighel lil Maria tizzewweg lilek??? Jien??? Dan izzejjed, issa.

Gugleil: Ghaliex? Ma tridx tghaddili kelma?

Adriano: Sgur li m'irridx... Dawn affarijiet tad-dinja l-ohra... Tassew

: tad-dahq... Jien, jien, immur quddiemha u nghidilha: "Ismaghni, Maria, dan is-sinjur irid jizzewgek"

Gugliel: Imma, x'fieha din? Int huwa l-izjed wiehed li tista' ittieha parir... Int huwa l-kunjatu taghha.

Adriano: U x'kunjat u, kunjatu...Int jidhirlek li jista' jkun li jien....

(Jinstama' lehen Pawlina)

Gugliel: Sssst.... iskot! Iskot!... Qieghed nisma lehen is-sinjorina Pawlina... inkimplu nitkellmu izjed tard.

(Bieb jinfetah)

Gugliel: Oh! Is-Sinjura Maria!... Kif int, ghaddielhek l-ugieh ta' ras?

Maria : Iva, ghaddielhi, grazzi.

Pawlina: Adriano, x'jidhirlek mill-libsa li libset Maria? Tixirqilha

Adriano: (Konfus) Iva, iva... hafna... imma ma nistax nifhem....

Maria : (Nervuza) L-iswed dejjaqni... Inhoss li ma nistax nilbsu izjed... Kont qed inhossu isewwidli qalbi izjed.

Pawlina: (Fuq taghha) Ghal-lejla ghandna programm sabieh hafna... Int, Sur Guglielmi, jehtieg li tohodna sal-Belvedere bil-karrozza tighek.

Gugliel: Bil-qalb kollha... Jiena dejjem lest ....

Pawlina: Imbaghad, nixtieq immorru bil-fregatina, il-Miramar.

Adriano: Imma kif? Ahna wkoll? Maria gejja maghkhom?

Pawlina: Sgur... Ahna ilkoll... Ghaliex? Jaqaw, int, ma tiehux gost tixxala?

Adriano: Iva, iva... imma ghadni ma nistax nifhem.... X'ghandu x'jaqsam bhall-issa ix-xalar?

Pawlina: Ix-xalar huwa mehtieg ghal Maria... Tigini hasra minnha naraha dejjem maghluqa ~~h~~awn gew.

Gugliel: Is-Sinjorina ghandha ragun... Daqxejn ta' harga taghmlilha tajjeb.

Adriano: Daqxejn ta' harga kollox sewwa, imma issa, jidhirli li qed tesagera.

Maria : (Dejjem nervuza) Imma skuzi... Billi ghal darba immorru nieklu barra, m'hix sejra taqa' d-dinja.

Pawlina: Jien ma nistax nifmek... Ftit ilu, smajtek tghidilha li ghandha bzonn idderri.

Adriano: Idderri iva, naqbel mighek... imma niftehemu... Jehtieg li ma ninsewx ir-rispett... Anqas ilu xahar mejjet... Ghall-inqas nirrispettaw il-memorja ta' dak il-povru ragel.

Maria : (Xkattata bid-dwejjaq) Ikollok hniena... Tergax tibda tfakkarni.

Adriano: Maria!!!....

Maria : Bizzejjed! Bizzejjed!... Tkellimnix izjed fuqu...M'irridx nisma izjed.

Pawlina: Iva... Il-mejjet irid il-mistrieh... X'tiehdu billi toqoghodu tiftakru fieh u issemmugh? Imxu, imxu jmmorru ghax sar hafna hin.

Maria : Adriano, ghadek ma mortx dbiddel? M'inthix gej maghna b'dak l-ilbies, hux?

Pawlina: Kif? Wara li tlifna daz-zmien kollu, ser noqoghodu nistennewh ibiddel?

Adriano: Le, le, Sinjorina... M'inthox sejrin tistennewni... Jien, m'inhix gej maghkhom.

Pawlina: Bravu!... Int tista' tigi issibna il-Miramar....

Maria : Iva, iva... Ahna nkunu qeghdin nistennewk.

Pawlina: Hi... Insejt l-imrewha gewwa... halli jmmur ngiba...

Gugliel: Allura nistghu jmmorru?

Maria : Iva... Adriano, issa, jigi jilhaqna...

Adriano: (Inkurlat) Maria! Maria!... Stenna!....

Maria : (Nervuza) Xi trid??? Ghidli xi trid... Ehles... Mur biddel u ejja maghna.. Irrid nohrog... Iddejjaqt hawn gew.....

Hoss: (Passi - bieb jinghalaq bis-salt)

Adriano: Maria!...Maria!....

Pawlinu: Ga telqu?

Adriano: (Mitluf) Ismaghni, sinjorina... Ghid lil Maria terga l-ura minnufieh... Ghidilha li ma jrridx... nimpediha... fhimtni? Nimpediha!....

Pawlina: U x'timpediha, timpediha... Maria, issa tinsab hielsa... sid taghha n-nifisha... Issa tista' taghmel dak li joghogoba. Fuq kollox, int m'int xejn...jew ilhaqt minflok zewgu??? Isma minni... Halliha taghmel dak li joghogobha u tindahalx..

Muzika: . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Hoss: ( Waqt li jinstamghu kikkra u plattini flimkien)

Maria : Le, le, Rosina... dik m'hix tajba... Mur gibli dik id-dvalja l'irràkkmata.

Rosina : Tajjeb.

kexxun jinfetah
Hoss: (Passi jidbeghedu) u jersqu mill-gdid)

Rosina : Din, trid?

Maria : Iva.

Hoss: (Sajjetta - xita)

X'wahdadin!... Kemm hu temp ikreh... Issa niezla x-xita ukoll.

Rosina: : Tassew lejla kerha... Bilhaqq... kont ser ninsa nghidlek... Ftit ilu giet is-sinjura Kuncett.

Maria : Is-Sonjura Kuncett?

Rosina : Iva... giet ghal kera.

Maria : M'ghedtilhiex lis-sinjur m'hux id-dar u li jkun hawn fl-ahhar tal-gingha?

Rosina : Iva, imma qaltli li trid tara lilek u li ghandha tghaddi izjed tard.

Maria : Tajjeb, issa aqsam lumija u qegheda fi plattina.

Rosina : Tridni jnnewwillhek xi halib ukoll?

Maria : (Innervjata) Iva! Ma tafx li ghandhek iggib il-halib? Hemm bzonn noqoghod nghidlek kull darba x'ghandhek taghmel? Haffef, Rosina.. minn hawn u ftit iehor ikun hawn dak is-sinjur.

Hoss: (Ix-xita tinstama' fil-boghod - jinfetah il-bieb bis-salt u x-xita tinstama' fil-qrib - bieb jinghalaq- ix-xita fil-boghod mill-gdid)

Maria : (Sorpriza) Adriano!....

Adriano: Wasalt, Maria!....

Maria : Adriano!...

Adriano: Stenna, Maria... Jekk tmiss mighi, tixxarrab ... Rosina!...

Rosina : Ben tornato, sinjur....

Adriano: Grazzi,... Kif int, Rosina?

Rosina : Tajba, grazzi...

Adriano: Rosina, jekk joghogbok qeghedli dal-kappell u dir-raincoat jinxfu x'imkien....... Grazzi. Maria, ma nistax infissirlhek il-vjagg li kelli... Ghal ftit minuti tlift it-tren u kelli noqoghod nistenna ghal erba' sighat shah.

Maria : M'hux ahjar tmur dbiddel, Adriano?

Adriano: Ghidli, Maria... Ma kontx tistennieni hekk ghalgharrieda, hux veru?

Maria : Le!... Tant hu hekk li ma nistax nifhem kif ergajt l-ura

: hekk malajr. Qabel tlaqt kont ghedtli li ma kellekx terga' l-ura qabel l-ahhar tal-gimgha.

Adriano: Inqast minn kelmti... Wara hamest-ijiem, irgajt sibt ruhi hawn. Kien hemm tassew ghaliex wiehed jaghmel dan il-vjagg.

Maria : Ghaliex? X'gara? Jaqaw ilhaqt tard?

Adriano: Le, le.. Ilhaqt tajjeb. Il-post kien ghadu vojt...Donnu li kien mahluq ghalija.. barra minn dan, kien hemm ohrajn... impiegi mill-ahjar... pagi gholja, imma kull fejn tmur... is-soltu mistoqsijiet... X'kont taghmel? Fejn kont tahdem? X'certifikati ghandek? Tifhem, Maria? Il-bnedmin jehtieg li jkollhom l-imghoddi taghhom... dokumenti li juru l-hajja... ix-xhieda li huwa ghadu haj... Ghalija, l-imghoddi huwa haga li m'ghandix niftakar fieh... dan, ghalija huwa maghluq... Mnejn nista' ngibhom d-dokumenti li jixdhu li jien ghadni haj? Ismi m'ghadux izjed... Jekk nitlob c-certifikat tat-twelid tighi... Ituni dak tal-Mewt.

Maria : Imma m'hemmx xi mezz iehor li bieh tista' ....

Adriano: Le! M'hemm ebda mezz... F'dawn il-hamest-ijiem li ghaddew, ghamilt minn kollox.. ittantajt sahansitra nitlob xoghol li lili ma jixraqlix... xoghol umiljanti... xoghol mistmerr minn kullhadd .. Ghal dan ix-xoghol hekk baxx jehtieg ukoll li wiehed juri l-identità tighu. Jien ma neziztix... Hekku, jiena u x-xejn xorta wahda... L-Umanità kollha kemm hi, hija registrata... ikkontrollata minn dak il-hin li titwieled sa dak il-waqt li tmut. Il-lum, jien, ma naghmilx sehem minn din l-Umanità... Jien huwa bhal haga zejda... Mir-registru tal-hajjin ghaddejt ghal dak tal-mejtin u ghalhekk, hija haga mpossibbli li jien insib post fost il-hajjin.

Maria : Imma, allura....

Adriano: Allura xejn... M'hemm xejn x'naghmel izjed... Taf x'inhi l-ahhar haga li baqaghli naghmel?

Maria : Le... Ghidli, Adriano.

Adriano: Ikolli naghmel bhal dawk li jkollhom id-dokumenti f'idejhom u jibzghu juruhom... Ikolli naghmel bhal hallilin... bhal imbroljuni... iva, hekk ikolli naghmel ... Jien riedt nisraq lis-Società u din issa qegheda ~~xxxxxxxxxxxxxxx~~ tidhallas minni... Qegheda tichadli l-istess dritt li nghix. Tifhem, issa, Maria, liema hi l-qaghada li ninsab fieha?

Maria : (Bierda, kwazi ostili) Dan, kelna nahsbu fieh qabel.

Adriano: Naf, naf li kelna narawh qabel... Kollu zejjed li toqoghod tghidli kliem bhal dan... Jien naf... Int jaqbillek tkellimni hekk. Ghidli, Maria... Kliem bhal dan, ghaliex m'ghedtulix dak inhar?

Maria : U min qallek li m'ghedtulekx?

Adriano: X'ghedtli? Ghidli x'ghedtli? Int, dak inhar, kont imbazza' Dak inhar int kien imisshek impedejtni... Kien imisshek urejtni l-konsekwenzi...

Maria : Igifieri, bi kliemek, trid tghid li l-htija hija tighi.

Adriano: Le, le, il-htija hija tighi biss... Jien biss huwa l-hati... Tajjeb, hekk, Maria? Kieku taf kif qegheda tittorturani... Dik il-harsa tighek, donnhok trid tlumni....

Maria : Inlumek!... Imma jekk jien qatt ma nghidlek xejn....

Adriano: Ghalhekk tinkwetani... Int qatt ma tghidli xejn, imma jien, nifmhek tajjeb... Bhall-issa naf il-hsibijiet li ghaddejjin minn rashek... anzi biex nghidlek kollox, x'imdaqqiet donni li f'ghajnejja narak ferhana ghaliex lili tarani f'dan it-tfixkil kollu.

Maria : Ferhana? Int f'sensik, Adriano? Ma atfx lit-tfixkil tighek ifisser ukoll dak tighi?

Adriano: Ghandek ragun... Dan, kollu kliem fierah...... Ghidli, Maria, Xi kemm baqaghlna flus?

Maria : Kwazi xejn... Kellhi hafna kontijiet x'inhallas.

Adriano: Ah!....

Maria : Is-Sinjura Kuncett, giet kemm il-darba biex nghidulha x'behsieb. na naghmlu... Qaltli lid-dar ghandha min iridha ghas-sajf li gej.

Adriano: U int,x'ghedtilha?

Maria : Xejn. L-ewwel riedt nara x'sejjer tghid int. Minn hawn u ftit iehor ghandha terga' tigi.

Adriano: X'sejrin nghidulha? Ingeddu l-kuntratt mill-gdid? Tkun haga tad-dahq.. Kif irridu nhallsuha? Imma, mill-banda l-ohr fejn irridu jmmorru? Jehtieg li niksbu xi haga tal-flus... Iva, hemm bzonn.. hemm bzonn... Imma kif? Mnejn?

Maria : Jekk trid dbiegh il-gjojjelli tighi....

Adriano: Ikollok hniena, Maria... Dawk issemmihomlix... Kemm tahseb li jtuni fihom? Taf kemm tawni ta' l-arlogg tighi?

Maria : Kif??? L-arlogg, beghetu???

Adriano: Ma stajtx naghmel iehor... Il-kartiera tas-sigaretti kelli n-nehhiha wkoll.. Hekku.. hares ftit... ara x'tawni.

(Jinstemgha ihaxwex xi karti)

(Iddisprat) Ma nafx fejn ser nibda naghti rasi!... Dil-haga li ma nista' naghmel xejn, qegheda titlifni minn sensija... Kullhadd isib xi xoghol... Kullhadd jista'jissielet mal-hajja.. kullhadd jiddefendi ruhu... Jien le... Jien ma nista' naghmel xejn... Anqas immut ma nista' ghaliex ga ninsab mejjet... X'sejrin naghmlu, Maria? Ghidli int, x'sejrin naghmlu.

Maria : Immur nahdem jien.

Adriano: Int? Imma int, kif tista' tmur tahdem? X'taf taghmel, Mar'

Maria : Ma nafx... Immur infittex... insin xi post li jghodd ghalija.. Naghmila ta' Governanti... u jekk hemm bzonn, naghmila ta' seftura ukoll.

Adriano: Seftura???

Maria : Iva. La darbh int ma tistax tahdem, jehtieg li jahdem haddiehor minnflokok.

<u>Hoss: (Bieb jinfetah - passi)</u>

Rosina : Gibtlek il-halib u l-lumi, sinjura.

Maria : Jekk joghogbok gibli tazza ohra.

Rosina: Tajjeb, sinjura.

Adriano: Maria, jaqaw ghandu jigi?

Maria : Iva.

Adriano: Kulljum jigi ghat-te, hawn?

Maria : Iva, kulljum.

Adriano: Ma kellux jitlaq minn din il-Blet?

Maria : Iva, kien telaq, imma rega' l-ura malajr.

Adriano: U fuqhiex joqoghod ikellmek meta jigi hawn?

Maria : Fuq hafna xorti.

Adriano: Nista' nahseb... Dejjem jghid l-istess kliem... Li jrid jizzewgek, hux tassew?

Maria : Le, qatt ma qalli xejn izjed.... Ix-xewqa tighu jiena nafha.

Adriano: Jekk m'inhix sejjer zball, huwa jqis ruhu bhala gharus tighek.

Maria : Hekk nahseb...

Adriano: Gherusija ftit twila... Gherusija li bdiet minn mindu kontu ghadkhom ckejknin... M'ghandniex x'inghidu...dan ghalieh, huwa l-isbah xhieda tal-fedeltà tighu.

Maria : Xi trid tfisser b'dan?

Adriano: Xejn, xejn. Kieku fin-nofs ma kienx hemm jien...anzi, qed nghid, ghalikhom kien ahjar meta kont ghadni haj...Ragel haj jista' wiehed jidhaq bieh, imma mejjet....

Maria : Qieghed tghir ghalija (Ironika)

Adriano: Le, le... Isma n-nar ser jintefa... M~~a~~ Ghandniex hatab izjed?

Maria : Le, l-ahhar ftit li kelli, uzajtu.

Adriano: Izjed kien jaqbel kieku xtrajt ftit hatab mill qaghadt tixtri it-tè ghal dak is-sinjur.

Maria : Il ftit tè li ghandi tahuli hu stess.

Adriano: He... Ser jidhol ghall-ispejjes tad-dar ukoll?

Maria : Ismaghni, Adriano .... imma, ara... aħjar ma nwiegbek xejn...

Adriano: Le, irridek twigibni... Tkellem!... Tahseb li ma nafx xi trid tghidli? Int m'ghadekx thobbni!... Tkellem!... Ghid dak li ghandhek fl-istonku tighek....Tibza twigibni?

Hoss: (Qampiena ta' barra)

Hekku!... Is-Sur Gugleilmi wasal.... X'ser naghmel? Nibqa' hawn?

Maria : Kif joghogbok!...

Rosina : (Boghod mill-Mike) Gie is-Sur Guglielmi.

Adriano: Jghaddi, jghaddi.

Guglielmi (Boghod mill-Mike) Buonasera, Maria.... Oh!... Int hawn ukoll? Meta wasalt?

Adriano : Ftit ilu.

Guglielmi Prosit!.. Irnexxielek tehles malajr.

Adriano : Haffift kemm stajt.

Gugliel : X'daqxejn shana ghandkhom hawn gew... thossok tithenna... Il-kesha li hemm barra tidhol fil-ghadam.

Maria : Ghada niezla x-xita?

Gugliel : Le, billi waqa xi ftit tar-rieh, l-ghajru m'ghadux kif kien.

Maria : Oqoghod bilqegheda,....

Guglielmi Grazzi.... Ma hrigtx il-lum, Maria?

Maria : Le, il-lum bqajt hawn il-gurnata kollha.

Gugliel : Ghamilt sewwa... Kienet tassew gurnata kerha... N ahseb li int ukoll sibt temp ikreh;;..

Adriano : Ma setghax ikun aghar milli kien.

Gugliel : Il-bahar, rajtu xejn, Maria?

Maria : Qatt ma rajtu qawwi daqshekk... Qalu li mewga baqghet tiela saz-zuntier tal-Knisja.

Gugliel : Kienet dehera mill-isbah... Min rah mit-terrazzin tal-Miramar, kellu jibqa' impressjonat.. Ir-raxx tal-bahar beda jasal s'hemm fuq.

Rosina : Sinjura, x'hin tghidli ngibilkhom it-tè.

Maria : Tista iggibulna, Rosina... Qabel xejn, newwilli dak il-pakkett li hemm fuq il-mejda, jekk joghogbok.

Gugliel : Ma anfx jekk joghogbukx...

Maria : Jaqaw? X'inhuma, dawn?

Gugliel: Ftit kannoli... Ghamilhomli l-kok tal-lukanda.

Maria : (Waqt li tinstema thaxwex xi karti) Jidhru sbieh hafna.

Gugliel: Il-kok qalli li ghandhom joghogbuk sgur.

Maria : Grazzi, Gugleilmi... Jiddispjacini... Qieghed tinkomoda ruhek wisq.

Gugliel: Haga zghira, Maria.

Adriano: Zokkor, gibt ukoll?

Gugliel: X'zokkor hu? (Sorpriz)

Adriano: Gibt it-tè... gibt il-pasti... hsiebt li gibt iz-zokkor ukoll.

Gugleil: (Imhawwad) Billi kaf lit-tè tajjeb, hawn, ftit skars, hsiebt ingibilha ftit jien.

Maria : Tiehux ghalieh... Qallek hekk biex jiccajta...

Adriano: Sgur, sgur, li biex niccajta.

Maria : (Waqt li tinstemgha tferrah it-tè) Kif tridu, bil-halib jew bil-lumi?

Gugliel: Bil-lumi, ahjar... grazzi.

Maria : Int, bil-halib?

Gugliel: La bil-halib u anqas bil-lumi... m'irridx tè.

Gugliel: Tiehu kannol?

Adriano: Grazzi.

(Jinstemghu jixorbu it-tè bla kliem)

Gugliel: Inqdejt, ghall-inqas bis-safra li ghamilt?

Adriano: Jien? Iva, iva, m'hux hazin.

Gugliel: Isma, jekk nista' niswielek xi haga, ghidli... bla kumplimenti.

Adriano: Int twajjeb hafna... Nahseb li f'dak li ghandi bzonn, int, ma tistax taqdini... Nirringrazzjak xorta wahda.

Gugliel: Int, x'iddecidejt, Maria...Behsiebek tibqa' hawn?

Maria : Ma nafx... ghadni ma nafx. Nahseb li nitilqu ghall-ahhar tax-xahar.

Gugleil: U fejn sejrin? Il-Belt?

Maria : Ga ghedtlek... Ghadni ma nafx.... Nistghu nibqghu hawn wkoll.

Gugliel: Jidhirli li dar-rahal huwa monotonu biex wiehed jghix fieh fit-tul.

Maria : Tiehu kikkra tè ohra?

Gugliel: Ghidli, Maria... Ma thossx li trid terga' l-ura fil-Belt? Ma tixtieqx tara mill-gdid dawk it-toroq iffullati bin-nies?... dawk it-teatri... dawk il-kafejiet?

Maria : Le... ebda xewqa m'ghandi li nerga' immur.

Gugliel: Smajt li ghall-istagun li gej, ser jkun hemm hafna kuncerti sbieh.

Maria : Dawn, nistghu nisimghu minn fuq ir-radjo.

Gugliel: Allura ikolli nghidlek l-int inqtajt mid-dinja ghal kollox.

Maria : Jien m'iddecidejtx xejn.. Il-lum forsi qed nahsiba hekk, ghadha nista' nahsiba xort'ohra.

Gugliel: Hekku... Int qatt ma trid taf dak li ser jigri ghad/a ... Il-gejjieni ma jfisser xejn ghalik.

Maria : Il-gejjieni m'hux ahna nfassluh.

Gugliel: Maria, li wiehed jemmen fid-destin huwa zball kbir... Hafna minnkhom jemmnu li l-gejjieni jkun gej minn qawwiet misterjuzi... dan, m'hux minnu... il-gejjieni x'aktarx li nfassluh ahna nfusna... bil-hila taghna... bir-rieda shiha... bl-izbalji li naghmlu matul il-hajja... Maria, il-bniedem jehtieg li jkollu hila jibni l-gejjieni tighu skond xewqtu.

Adriano: He... Bil-kliem kollox huwa hafif.

Gugliel: Ghaliex? Meta fil-hajja, wiehed jirnexxilu ikun jaf x'irid, huwa ghandu jegheleb kull tfixkil.. Haga wahda biss, il-bniedem ma jistax jirbah... Il-Mawt.

Adriano: U jekk wiehed jasal biex jirbah lil din wkoll?

Gugliel: Meta wiehed ikun mejjet, m'hemmx ghalfejn wiehed joqoghod ihabbel rasu bil-gejjieni.

Adriano: Dan, int, qed tghidu.

Gugliel: Ghaliex? M'inhix nifmek....

Adriano: Xejn, xejn... kont qed niccajta.

Gugliel: Maria, ghadni kemm ircevejt ittra minn ghand il-mamà u qaltli biex inselli ghalik.

Maria : Ghalija? Possibbli li ghadha tiftakar fija?

Gugliel: Dejjem issemmhik.

Maria : Imma kif jista' jkun? L-ahhar li ratni kont ghadni zghira bulkemm kellhi ghaxar snin.

Gugliel: Ghadha tiftakrek ta' dak iz-zmien... Tfajla helwa, bjonda... Maria, il-mamç tixtieq hafna li terga' tarak.

Maria : Qed tiskantani... Ma nistax nifhem... Il-mamà tighek taf ?

Gugliel: Kollox taf... Taf l-imghoddi... taf il-present u forsi taf ukoll il-gejjieni... Lil mamà, jien nghidilha kollox... nuriha x-xewqat tighi kollha.... Hija tixtieq tistiednek biex tmur tghaddi xi jumejn maghha.

Adriano: Maghha, fejn?

Gugliel: Fil-Villa taghna li ghandna fit-Toscana... Il-mamà, hemm tghix is-sena kollha... ma ghandniex x'inghidu, int tigi wkoll.

Adriano: Jien?

Gugliel: M'hemmx ghalfejn hafna kumplimenti... Wisa hemm kemm trid... Bilhaqq, kont ser ninsa... Il-mamà baghtitlek xi ritratti tal-Villa.... (Waqt li jinstemgha ihawwex xi karti) Hekku, dan juri l-Villa minn barra.

Maria : Xi gmiel ta' Villa. X'kobor... Qisa xi kastell.

Gugliel: Sewwa qed tghid, Maria... Fl-antik, dil-villa kienet kastell. Araò din il-qarti giet mibnija gdida ftit snin ilu... Hawn jinsab il-garage... Dar-ritratt juri l-ewwel pjan u dan il-gnien u t-tennis court.

Adriano: Qatt ma laghbtu xi loghoba?

Gugliel: U dan, juri l-parti l-gdida... Hares ftit lejn il-kmamar... donnhom ghadhom m'humiex armati... Donnhom jonqoshom xi haga. Qeghedin jistennew lil padruna l-gdida... Dawn il-kmamar, nixtieq li jigu armati skond il-gosti ta' dik il-mara li sejra tghix fihom... Il-mamà taqbel mighi ukoll.

Maria : Villa sabieha tassew... hekku....

Gugliel: Le, Maria, dawn tista' izzommhom int.

Maria : Ghaliex?

Gugliel: Int tkun tista' jttini xi parir.

Rosina: (Il-boghod mill-Mike) Sinjur, hawn is-sinjura Kuncett trid tkellmek.

Adriano: Gej, Rosina.

Maria : Le, stenna, halli mmur jien.

Adriano: Imma....

Maria : (Nervuza) Ghandi bzonn inkellimha. Guglielmi, nitolbok tiskuzani... dal-waqt nigi.

Gugliel: Jekk ma jimpurtax, ma noqoghodx nistenniek... Fis-sebgha jrrid naghmel telefon... Nerga' narakhom il-lejla.

Maria : Tajjeb, ghal-lejla, mela.

Gugliel: A rivederci!

Maria : A rivederci!

Hoss: (Passi - bieb jinfetah - jinghalaq)

Gugliel: X'jidhirlek, habib?

Adriano: X'igifieri?

Gugliel: Kif semmejtilha l-villa,... kif ghedtilha li hija ghad trid tghix f'dawk il-kmamar, donnha li ma haditx pjacir... Donni rajtha dbiddel lewnha.

Adriano: Minn issa?

Gugliel: Ma nafx x'nibda nahseb...X'imdaqqiet donnha tiehu pjacir meta tarani... drabi ohra, tahrabni... issir nervuza u jkollha mitt sena biex twarrab minni... Nittama li biz-zmien, il-x hsieb ta' daz-zwieg taghna, inissiha l-imghoddi u jaghmilha hinja mill-gdid.

Adriano: Milli qieghed nara, s'issa, l-idea ta' daz-zwieg, xejn m'hi ghal qalba.

Gugliel: Int m'ghedtilha xejn? Ma jppruvajtx tfehemna l-vantaggi li hemm f'dan iz-zwieg?

Adriano: (Xott, xott) Iva, ghedtilha... Ghedtilha hafna drabi.

Gugleil: U x'wigbitek?

Adriano: (Innervjat) X'ridtha twigibni? Jekk hija ma tridx tizzewweg, ghandha ir-ragunijiet taghha.

Gugliel: Imma x'ragunijiet jista' jkollha? Dan hu l-izjed li nix-tieq naf... x'ragunijiet ghandha... Li Maria ghandha gibda lejja, hija haga sgura... nahseb li int ukoll intbaht b'dan.

Adriano: Iva, iva, dan osservajtu.

Gugliel: Forsi hemm x'imhabba ohra? Le, le, ma nahsibx... Vara daz-zmien kollu, nahseb li nsietu xi ftit.... Tassew li x'imdaq-qiet jien ukoll inhoss li donnu ghadu haj.

Adriano: Zewga?

Gugliel: Iva... Haj!... Jien narah f'kull hin... Bejni u bejna... Donnu li jrid izomma mifruda... It-tifkira tighu hija tfixkil kbir ghall-hena taghna... Haga tal-biza li tifkira ta' bniedem mejjet, tibqa' tghix mighek.

Adriano: Ghandek ragun... M'hemmx aghar minn meta bniedem mejjet jiehu postu fost il-hajjin....

Gugliel: Sewwa, sew, kif qed tghid int..... B'daz-zwieg, jien ga ghedt lil mamà.....

Adr ano: Iva? X'qaltlek?

Gugliel: Ghall-ewwel m'gharfet tghidli xejn.. Taf int, l-idea li nizzewweg armla... imma issa, donnha ikkuntentst... tinsab ferhana hafna u ghandha seba' mitt-sena biex tara lil Maria.

Hija qed tlestila hafna xorti u nista' nghidlek li ga iffissat id-data tat-tieg.

Adriano: Ukoll?

Gugliel: Jekk Maria tilqa' l-istedina tal-mamà tighi, nghidlek li jirnexxili nikkonvinciha.

Adriano: Nittamaw!... Nittamaw!...

Gugliel: Bilhaqq... xtqt nghidlek xi haga... ahfirli jekk ser nabbuza...

Adriano: (Sorpriz) Tkellem... tkellem...

Gugliel: (Ilaqlaq) Nahseb... li Maria, finanzjarjament, ma tantx hi qegheda f'qaghada tajba... Il-lum, il-hajja hija difficli hafna... nahseb l-int ukoll qieghed tinteressa ruhek ghaliha, hux tassew?... Jekk nista' nisw ielkhom b'xi mod....

Adriano: Kif??? X'igifieri?

Gugliel: Ahfirli... M'irridekx toffendi ruhek... Naf li hija haga delikata, imma bejnietna, m'hemmx ghalfejn wiehed jaghmel kumplimenti... Jiena nqis ruhi bhala habib, anzi biex nghid hekk, bhala missier... intant, jien nhalli f'idejk... m'irridx li Maria tkun taf b'dan... Nitolbok...Grazzi, grazzi hafna.... A rivederci!

Adriano: Arivederci!.....

Muzika: ........................

Maria : Tajt dawk il-flus lis-sinjura Kuncett... Ghedtilha li dan huwa l-ahhar xahar li....

Adriano: Thabbilx rashek... Flus ghandna kemm trid.

Maria : (Sorpriza) Kif???

Adriano: Flus ghandna kemm trid... u meta jispiccawlna, nerghu ingibu izjed... offrihomli huwa stess.

Maria : (B'lehen gholi) Guglielmi?

Adriano: Iva, Guglielmi... Ma kienx bizzejjed li fetah qalbu mighi... Li urieni bl-imhabba tighu ghalik.. Kellu l-wicc tost li jitlobni nkellmek ghalieh... Biex nikkonvincik . Le, dan, ma kienx bizzejjed... Biex aktar jumiljani, offrieli l-flus ukoll... S'hawn kelli nasal... Kuntenta, issa?

Maria : Jien?

Adriano: Int, iva int... Int kont li wassaltni f'dil-qaghada...Kieku int ma lqajtux l-ewwel darba li gie jarak, kieku l-lum, jien, m'inhix nsofri din l-umiljazjoni... Dan, int qed taghmlu ghaliex taf li jien ma nistax nitkellem... Ghaliex ma nistax naqbdu u nitfghu l-barra... Int qed tiehu gost tarani nsofri... Ichad li m'hux hekk, jekk ghandhek hila.

Maria : Imma kif, Adriano? Kif tista' titkellme mighi hekk? Ghidli... m'int thoss ebdarimors... Ebda misthija l-int daqshekk ingust mighi?

Adriano: Ingust?

Maria : Iva, ingust... anzi bniedem vili...

Adriano: Vili wkoll?

Maria : Iva... Int qed titfa l-htija tighek fuqhi.. Int kaxkartni mighek... ghamiltni komplici mighek.. Int taf tajjeb li jien ma riedtekx taghmel dak il-pass... Ghamilt minn kollox biex nreggghek l-ura... Bi kliemek, int, gaghaltni ncedi... Ghalik, jien gdibt u issa... issa li qed issofri l-konsekwenzi... qieghed tohoda kontra tighi... Ma tintebahx l-int bniedem bla gieh? Li ghemilek huwa dak ta' bniedem vili?

Adriano: Kompli, kompli, tieqafx.

Maria : Niehu gost narak issofri!.... Divertiment sabieh tassew!... Minn dak inhar, jien qatt ma sibt mument mistrieh...Qatt mument hieni... Dejjem imhasba.. imbazza'.. Qatt m'abbuzajt nurik b'dak li kont qegheda nsofri... Int riedt tarani ferhana.. Riedt li ahna nidhqu bina nfusna... Riedt li ahna nahbu l-biza taghna minn xulxin.. Hekku fejn wasalna... f'liema disperazjoni.. U issa, ghandek il-wicc tost titfa' il-htija fuqhi... Kieku ma kontx inhoss ghalik... kieku ma nieqafx inlumek bi kliemi.

Adriano: Ghandhek ragun... Jien bniedem bla sens biex qieghed nohoda ~~mxg~~ mighek bis-serietà... il-qaghada taghna hija tad-dahq... Taf xejn/ liema hi l-aktar haga li qed tinkwetani? Dak li jien kelli jmmut biex insir ~~h~~af dak li ma kont naf qatt f'hajti.

Maria: X'igifieri? X'sirt taf?

Adriano: Sirt naf l-int qed tidhaq bija.

Maria : M'hux tassew!... Irtira dak li ghedt.

Adriano: Le!... Dak li ghedt huwa minnu... Int minn dejjem dhaqt bija... Iva, dejjem...

Maria : Ghedtlek irtira kliemek...

Adriano: Tahseb li jien ~~xxx~~ ma nifmekx??? Tahseb li jien ghama? Il-genn tighek... l-inkwiet... il-bidla li saret fik minn ftit taz-zmien l-hawn... Ma tafx li hsibijiethek jien naqrhom f'ghajnejk? Int ma tistax turini haga b'ohra... Dak li tahbi minni int, jghidulì huwa stess... Iva, din hi l-izjed haga tad-dahq... Il-mahbub tighek jiftah qalbu mighi.

Maria : Il-mahbubtighi!... U int dan temmnu? Isa, tibzax twigibni... ghamel kuragg.. tkellem... temmnu, int, dan?

Adriano: Ukoll jekk m'hux hekk... il-qaghada ma timbidilx... Meta l-fedeltà tkun bhala sagrificcju, huwa aghar minn tradiment... fedeltà ta' din ix-xorta tidwa biss biex minna timbed il-birda.. l-indifferenza... l-antipatija... l-mibegheda... Imma, x'jiena nghid? Int ghandek ragun... Jien, minn jien? Jien m'ghadnix li kont... jien sirt bniedem barrani...tfixkil bejnhek u bejnu... Dan, qaluli huwa stess...dan kont nafu... Huwa uriek ir-ritratti tal-villa... sabieha tassew...Irid

: jiehdhok ghand il-mamà... irid ilaqqghek mal-hbieb... int issa tkun ferhana... xejn ma nghidlek gawdiha dil-hajja... gawdiha mill-ahjar li tista'... din ilhek tohloma hajtek kollha.

Maria : Iva, dil-hajja, jien kont nohlom biha... Issa nista' ngawdiha... imma le... dan ma nistax naghmlu ghaliex hemm int.. ghaliex jiena u int marbutin b'katina wahda....

Adriano: Bizzejjed... Fhimthek...fhimthek tajjeb...

Maria : Adriano...

Adriano: Mur...Nahseb li ma baqaghlna xejn x'inghidu...

Maria : Adriano!....

Adriano: Mur, mur... hallini wahdi...

Maria : Adriano, ahfirli... Ma kontx naf x'jiena nghid...emminni, dak li ghedtlek, ghedtulek ghaliex int weggajtli qalbi...

Adriano: Iva, iva, qieghed nifmek... mur issa u hallini wahdi...

Maria : Tghidlix hekk, Adriano... Dak li ghedtlek, gheetulek ghaliex kont offisa... fiedt ninkik.. Nahliflek... li jiena nhobbok... iva, dejjem habbejtek... Minn fuqna ghaddew zminijiet koroh ... kien f'dawn iz-zminijiet li rajna kemm konna ninhabbu.. issa wkoll... iva, issa wkoll... Adriano, hares lejja... wigibni... ghidli li qieghed temminni.

Adriano: Iva, nemmnek... nemmnek....

Maria : Le, m'hux hekk.. twigibnix b'dan il-mod... Hares lejja... Dak li ghedtlek huwa tal-biza... Ahfirli...Hemm bzonn li jiena u int ninsew kollox... Iva, jien u int tkellimna bhal zewg imgienen... M'inthix temminni? M'inthix temminni?

Adriano: Iva....nemmnek... nemmnek... imma issa, hallini.....

( Fade out)

(Fade in) Hoss: (L-arlogg jinstama' jdoqq is-sebgha)

Adriano:

Din hija l-grajja tighi.....

Deffien: Sofrejt.. sofrejt hafna....

Adriano: Làahhar tahdida li kelli ma' marti gaghalitni nifhem hafna xorti... X'tista' tfisser l-hajja tighi? Xejn! Haga zejda! Haga mistmerra....Hija qaltli dak il-kliem, imbaghad talbitni mahfra... Kien tard wisq... kliemha kien lahaq ferieli l-qalbi... Jien kont ta' tfixkil ghaliha...X'hena nista' noffrila jien? Xejn.. Wasalt biex insir bniedem mejjet li qieghed jghix minn fuq spallejha... Ili nahseb hafna fuq il-qaghada tighi u taghha u issa... iddecidejt... ktibt ittra u tlaqt ilbarra... ili nimxi lejl shih...issa ninsab hawn... Nisthajlek li tixtieq taf ghalfejn ghedtlek il-grajja tighi.... Ghaliex minn ghandek irrid favur ckejken. Haga zghira hafna... Dak l'irrid minnek, int ghandek l-ghodda addattat hafna ghalieh.

Deffien: U x'favur trid minn ghandi?

Adriano: Ifhimni, ftit... Kif ninsabu wahidna, jien, innehhi hajti b'idejja u int, tidfinni fil-qabar tighi.

Deffien: Kif? Int qieghed tiggennen!

Adriano: (Kalm) Le! M'inhix mignun... Emminni... Li n-nehhi hajti hija l-ahjar haga li nista' naghmel... Dan li tlabtek, jien ktibtu f'ittra lil mara tighi... Ghedtilha li m'hemmx ghalfejn tohoda bi kbira meta tisma bil-mewt tighi... Ghedtilha li jekk trid tibki... dan, ghandha taghmlu fejn ma jaraha hadd... bil mohbi ta' kullhadd... ghedtilha li dan huwa mehtieg, ghaliex jien ma nistax immut darbtejn... Hemm bzonn li m-mut bil mohbi... l-istess bhal ma ghext... Habib, jehtieg li tghini... Dak li tlabtek, ghalik huwa xoghol hafif hafna... kwistjoni ta' ftit minuti.

Deffien: Imma, x'inti tghid??? Jien??? Le, le!!!. Anqas nohlom biss m'irrid.

Adriano: Allura ma tridx tghini?

Deffien: Jidhirlek li ghandi nghinek? Tahseb li jiena nista' naghmel affarijiet bhal dawn?

Adriano: Imma ghaliex? X'hemm difficli f'dak li tlabtek? Jien huwa dak stess li ismu jinsab fuq dan il-qabar... Jien ghandi kull dritt li nkun midfun taht din il-lapida... Mir-registri tac-Cimiteru, jidher ukoll li jien ninsab midfun hawn...B'kumbinazjoni kbira, sal-lum, jien ma stajtx noqoghod fil-qabar tighi... Issa wasal il-waqt li nirranga l-izball li sar... Jien noqtol ruhi b'idejja... int tidfinni u jien ma nitkellimx izjed.

Deffien: (Agitat) Ma jistax jkun!... Dak li qed titlobni huwa talbiza... M'iggibx quddiem ghajnejk...

Adriano: Ma baqaghlix x'naghmel izjed... Dak li tlabtek huwa l-mezz wahdani li ngib kollox floku... l-eziztenza tighi jehtieg li tintemm... Marti, allura, tkun tassew mara armla... Jien, inkun tassew mejjet u b'hekk jissewwa kollox... ikun kollox fl-ordni... Ma nistax nifhem ghaliex ma tridx tghini.

Deffien: U sgur li m'irrdx nghinek... Bl-imbrolja li ghamilt, int sibt ruhek f'dan il-gwaj kollu u issa trid li jien naghmel imbrolja ohra... Jien bniedem onest u m'irridx nidhol f'imbrolji bhal dawn.

Adriano: Jahasra... jien qed nitolbok biss li taqdi dmirek... Int huwa id-deffien tac-cimiteru... Int issib bniedem mejjet, barra mill-qabar tighu u terga' tqeghedu f'postu... dan hu, kull m'irrid minnek.

Deffien: Kollu ghalxejn li tkompli... Ir-regolamenti ma jammettux ftehim privat bhal dan... ~~Intxxejja~~ Int ejja hawn meta tkun mejjet, imbaghad nidhaddtu.

Adriano: Allura trid l'issib il-katavru tighi f'nofs ic-cimiteru? Li jien ser innehhi hajti hija haga sgura... Issa d-decidejt u hadd m'hux sejjer ireggaghni l-ura... Ghidli... Issa, li jien urejt lil mara tighi b'dak li ser naghmel.. ma nohrogx ta' tifel jekk ma nkomplix kelmti?

Deffien: Jahasra, jien ma jimpurtanix...

Adriano: Imma skuzi... Ahseb ftit fil-konsekwenzi... Jekk il-Pulizija isibu l-katavru tighi, allura tinkixef l-imbrolja li kont ghamilt... Marti issib ruhha arrestata... Ahseb, ahseb ftit... familja sfrattata... waqt li jekk naghmlu kif ghedtlek jien, marti tkun tista' tizzewweg mill-gdid... Tkun ferhana.. hinja....... Alla tighi!!!.....

Deffien: X'gara???

Adriano: (Agitat) Marti tinsab hawn.... Iva, riesqa lejna.... Sahta! L-ittra tighi ma damitx ma waslet... ~~Xxkxix~~, Ma baqaghlix hin naghmel dak li ghedt... Ifhimni... Jekk tistaqsik.... ghidilha li kollox lest.

Deffien: X'igifieri???

Adriano: (Mghaggel) Kollox, kollox lest... Jien qtilt ruhi b'idejja u int ga dfintni...Fhimtni?

Deffien: Int qed tiggennen!...

Adriano: Hekku waslet... Se nwarrab... tinsiex x'ghedtlek....

(Pawsa)

Maria : (Tolfoq) Skuzi... jekk joghogbok, taf tghidli jekk hux hawn dak is-sinjur li... li....

Deffien: Iva, sinjura...

Maria : Alla tighi!...

Deffien: Stabar, sinjura...

Maria : U kif nista' nistabar meta naf li....

Deffien: Ikkalma, ikkalma, sinjura....

Maria : Dan hu l-qabar taghna... Ghidli, hawn jinsab midfun?

Deffien: Sinjura....

Maria : Ghaliex ma wigibtnix? Irrid naf zewgi giex midfun jew le.

Deffien: Nixtieq kieku....

Maria : Ghidli... kellimni car... Ghidli x'gara.

Deffien: Ma nafx kif ser nibdielek .. inhossni ikkonfondut....

Maria : Ikkonfondut!... U ghaliex??? Kliemek qed ihassibni.

Deffien: Ghadhek ragun, sinjura... Ara, oqoghod bilqegheda hawn... bil-mod, infehemek kollox.

Maria : Imma x'gara? Ghidli x'gara?

Deffien: Sinjura....

Maria : Tkellem... tkellem, tibzax....

Deffien: Sinjura, kieku nghidlek li dik l-ittra kienet cajta...cajta ckejkna, temminni?

Maria : Cajta!!!.... (Ferhana) Allura, Adriano, ghadu haj....

Deffien: Iva, sinjura... haj mimli bil-ghomor....

Maria : Ghidli fejn hu... Irrid narah... Irrid nbusu... Irrid nitolbu mahfra....

Deffien: Sinjura, l-agitazjoni li ghandhek fuqhek qegheda tbezzaghni.. Ikkalma ftit, imbaghad...

Maria : Qalbi sejra jttir bil-ferh... Ghidli fejn qieghed... Hudni hdejh... Irridu hdejja... hdejja biex ma nidbeghedux aktar minn xulxin... Irrid nghanqu mighi... Irrid nghidlu kollox.

Deffien: Hemm, sinjura...Hares fejn dak il-qabar... Hemm mohbi wara dak il-monument....

Maria : (B'ghajta ta' ferh) Adriano!....Adriano!....

Adriano: (Boghod mill-Mike) Maria!....Maria!... (Kommoss)

Maria : (Bèlehen ferriehi u miksur fl-istess hin) Adriano! Ghaziz tighi!

Adriano: Gojja ta' qalbi... Ma ria!.. Maria!...

Maria: : Insa... insa kollox... Flimkien, il-boghod minn hawn, nghixu hinjin...

Adriano: Imma kif jista' jkun?

Maria : Iva, l-istess bhal qabel... Int, hu r-ragel tighi...Hadd ma jfixkilna izjed... Anqas Guglielmi... Dan, siefer dalghodu ghall-Indja.

Adriano: Ghall-Indja!... Hekk malajr???

Maria : Iva. Telegramm li wasallu lbierah gaghalitu jsiefer minnufieh... Mewt ta' malajr tad-Direttur tad-ditta, fil-qasam li hemm fl-Indja, lahqitu minn floku... Kuntent issa? M'hemmx izjed biza... Imxi mmorru... Ghada stess nidbeghedu minn hawn...

Adriano: Immorru... Iva, ahjar milli bqajt hawn....

Maria : Adriano tighi!...

Adriano: Anglu ta' qalbi!...

(Pawsa)

Deffien: U jien... wahdi mill-gdid.... Ahjar... Iva, ahjar hekk.... Irgajt ghaqqad familja... Kien ser jkolli habib ma min nghid kelma....Ma jimpurtax... issa drajt f'dan ic-cimiteru... Isimghu x'hemda!... X'paci!.... Xi gmiel ta' sigar ghandi madwari... Xi hlewwa ta' lwien!... Kont insejt li m'inhix wahdi... Mighi hawn l-ghasafar... Xi hlewwa ta' ghana... f'inzul ix-xemx, donnhom jiggennu bil-ferh... Le, le, dan m'hux cimiteru, imma gnien... gnien sabieh u hlejju.

Muzika Qawwija: ......................